# RAPPORT ANNWALI 2019
# UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU

**Indiċi** **Paġna**


| | |
|---|---|
| L-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti (Strateġija u Implimentazzjoni) | 2 |
| Id-Diviżjoni People & Standards (P&SD) | 13 |
| Id-Diviżjoni tas-Support Services | 28 |
| Id-Dipartiment tal-Informazzjoni | 29 |
| Id-Direttorat tal-Finanzi u Amministrazzjoni | 33 |
| L-Istamperija tal-Gvern | 35 |
| Id-Direttorat għall-Iżvilupp tal-Politika u Implimentazzjoni tal-Programmi (PDPI) | 37 |
| Information Management Unit | 42 |
| Id-Direttorat għall-Iżvilupp Sostenibbli | 45 |
| Id-Dipartiment għar-Relazzjonijiet Industrijali u tal-Impjieg | 48 |

## L-Uffiċċju Tas-Segretarju Permanenti (Strateġija u Implimentazzjoni)

L-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti (Strateġija u Implimentazzjoni) fi ħdan l-Uffiċċju tal-Prim Ministru huwa responsabbli għall-implimentazzjoni ta' proġetti kbar, formulazzjoni u direzzjoni tal-politika, żvilupp strateġiku settorjali u ta' pjan tan-negozju u l-emendar u l-abbozzar tal-leġiżlazzjonijiet. Dan l-Uffiċċju ġie inkarigat mis-Segretarju Permanenti Ewlieni b'bosta proġetti, fosthom dawn li ġejjin:

- Ir-Rapport tal-Awditur Ġenerali dwar it-Tħaddim tal-Finanzi
- Ir-Rapport tal-Ombudsman dwar il-Governanza
- L-Inizjattiva IDEA
- Is-Sistema WAS u s-Simplifikazzjoni tal-Formoli (eForms)
- Il-Kunsill għall-Governanza tad-Dejta (Data Governance Council)
- Servizz.gov [1]
- Implimentazzjoni tar-Riforma fix-Xiri Pubbliku u l-Finanzi
- Kordinazzjoni tal-Monitoraġġ tal-Implimentazzjoni fl-Amministrazzjoni Pubblika
- Kordinament tal-Ispezzjonijiet
- Il-Management Efficiency Unit

## Ir-Rapport tal-Awditur Ġenerali dwar it-Tħaddim tal-Finanzi u Rapporti oħra u Investigazzjonijiet tal-Awditur Ġenerali

Fl-2019 is-Servizz Pubbliku ppubblika r-reazzjoni uffiċjali tiegħu għar-rapport annwali tal-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika. F'din il-pubblikazzjoni hemm miġbura dawk l-azzjonijiet li ġew implimentati sabiex jiġu indirizzati r-rakkomandazzjonijiet mogħtija mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika (NAO), kif ukoll sa meta għandhom jiġu implimentati dawk l-azzjonijiet li kienu għadhom pendenti.

Għalhekk ġie implimentat proċess fejn l-Uffiċċju tal-Awditjar Intern (IAID) ġie inkarigat biex iwettaq eżerċizzju ta' verifika biex jara jekk il-ministeri u d-dipartimenti awditjati kinux ħadu azzjoni b'rabta mar-rakkomandazzjonijiet tal-Awditur Ġenerali. Wara li ġie riċevut il-feedback mill-IAID ġew organizzati exit meetings mill-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti (Strateġija u Implimentazzjoni) mal-ministeri kkonċernati u bil-parteċipazzjoni tal-IAID fejn ġie diskuss l-eżitu tal-verifika tal-IAID u saret enfasi fuq l-oqsma ta' tħassib li kienu jeħtieġu azzjoni min-naħa tal-ministeri.
Ir-riżultati ta' dawn l-eżerċizzji ġew ippubblikati f'Lulju 2019 fil-pubblikazzjoni 'Governance Action on the Annual Report by NAO on Public Accounts 2017 and other NAO reports 2018'. F'din il-

[1] Sa Ġunju 2019. Minn Lulju 'l quddiem Servizz.gov kien direttament taħt l-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti Ewlieni.

pubblikazzjoni ġie indikat li fost l-oħrajn twettqu 78% tal-azzjonijiet li kien meħtieġ li jittieħdu biex jiġu implimentati r-rakkomandazzjonijiet. Fil-ftit ċirkostanzi fejn ir-rakkomandazzjoni ma ntlaqgħetx, ingħatat ġustifikazzjoni għal dan. Minbarra r-reazzjoni uffiċjali għar-Rapport Annwali tal-NAO, għall-ewwel darba f'din il-pubblikazzjoni ġie ppreżentat rendikont tal-azzjoni li ttieħdet mill-ministeri rispettivi b'rabta ma' sitt Performance Audits, erba' Investigazzjonijiet u IT Audit wieħed li ġew ippubblikati mill-NAO matul l-2018.

L-IAID mill-banda l-oħra wettaq ukoll eżerċizzju ta' verifika bħala follow-up għall-istess eżerċizzju ta' governanza li twettaq fl-2018 biex jara jekk u b'liema mod ġew implimentati l-azzjonijiet pendenti li s-Segretarji Permanenti rispettivi kienu ntrabtu li jimplimentaw sa dati ta' skadenza partikolari.

## Ir-Rapport tal-Ombudsman dwar il-Governanza

Is-Servizz Pubbliku ppubblika għat-tieni darba rapport bir-reazzjoni uffiċjali tal-Gvern għar-Rapport Annwali tal-Ombudsman Parlamentari. F'din il-pubblikazzjoni l-Amministrazzjoni Pubblika wriet serjetà u impenn sħiħ u pprovdiet kontabbiltà u trasparenza fuq l-ilmenti mressqa, ir-rakkomandazzjonijiet, u l-azzjonijiet meħuda għal kull każ rappurtat. Din il-pubblikazzjoni, li ġiet imnedija f'Novembru 2019 mill-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti Ewlieni, waslet wara proċess estensiv li fost l-oħrajn inkluda l-ħatra ta' Liaison Officers minn kull ministeru biex ikunu jistgħu jsegwu u jirrappurtaw il-każijiet tal-ministeri rispettivi tagħhom, l-organizzazzjoni ta' laqgħat għal-Liaison Officers b'rabta mal-andament tal-ġbir tal-informazzjoni, analiżi tal-informazzjoni riċevuta u l-organizzazzjoni ta' exit meetings mas-Segretarji Permanenti ta' kull ministeru. Wara dan il-proċess dan l-Uffiċċju ħa ħsieb biex jikkonsolida l-informazzjoni miġbura b'tali mod li tkun ċara, korretta u dettaljata biżżejjed għall-pubblikazzjoni u ġiet ikkompilata analiżi dettaljata tad-dejta li spjegat bl-istatistika neċessarja x-xogħol li l-Amministrazzjoni Pubblika għamlet biex issolvi l-każijiet li tressqu għand l-Ombudsman. Dan wassal għall-pubblikazzjoni tal-Governance Action on the Parliamentary Ombudsman's Report 2018.

Mill-analiżi statistika li ġiet rappurtata għaldaqstant jista' jiġi nnutat li għal dawk li huma każijiet tal-2018, minn total ta' 290 każ tal-Ombudsman u l-Kummissarji tiegħu, 264 każ ġew ikkunsidrati filwaqt li 26 tqiesu bħala invalidi. L-istatistika turi kif f'97% tal-każijiet l-Amministrazzjoni Pubblika aġixxiet tajjeb u implimentat dawk ir-rakkomandazzjonijiet li ġew ippreżentati lilha. Kienu biss ħamsa (5) l-każijiet magħluqa fejn ir-rakkomandazzjoni ma ġietx implimentata. Minbarra dawn il-189 każ ingħalqu 57 każ ieħor li kienu għadhom pendenti mis-snin ta' qabel.

Din l-analiżi wriet biċ-ċar li fl-ebda każ ma kien hemm ħjiel ta' ksur tal-liġi jew ta' abbuż ta' poter mill-Amministrazzjoni. Il-maġġoranza tal-każijiet setgħu wkoll faċilment ġew solvuti li kieku ċ-ċittadin mar

direttament fil-ministeri u l-entitajiet rispettivi li huma attrezzati biex jgħinu bl-aħjar mod possibbli lil kull ċittadin.

Din il-pubblikazzjoni pprovdiet ukoll evidenza għal numru ta' fatti importanti fosthom:

- li l-290 każ, li minnhom ġew investigati 264 għas-sena 2018 mill-Uffiċċju tal-Ombudsman u mill-Kummissarji, jirrappreżentaw kważi parti insinjifikanti għat-tranżazzjonijiet kollha trattati mill-Amministrazzjoni Pubblika jew l-entitajiet pubbliċi.

## L-Inizjattiva IDEA

L-inizjattiva IDEA hija proġett kontinwu li tnieda f'Ottubru tal-2014 bil-għan li l-uffiċjali pubbliċi jkollhom l-għodda sabiex ikunu jistgħu jwasslu s-suġġerimenti tagħhom għat-titjib tas-Servizz Pubbliku – ideat li jwasslu għas-simplifikazzjoni ta' xi proċess jew għat-twettiq ta' xi bidla neċessarja. Il-Kunsill ta' IDEA, li ilu maħtur mill-2017, jiltaqa' kull xahrejn biex jevalwa l-ideat proposti fuq l-oriġinalità tagħhom u l-impatt pożittiv li se jħallu jekk jiġu mwettqa. Matul l-2019 daħlu 21 idea, li minnhom erbgħa qegħdin fil-proċess ta' implimentazzjoni.

## Servizz.gov

Servizz.gov joffri servizzi governattivi eqreb taċ-ċittadin.

**L-attivitajiet u l-kisbiet ewlenien matul l-2019:**

- Il-ftuħ ta' one-stop-shops speċjalizzati:
    - edu servizz.gov – li jipprovdi servizzi relatati mal-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol (MEDE);
    - Taxpayer service servizz.gov – iffukat fuq servizzi relatati mal-Kummissarju għat-Taxxi u l-Ministeru tal-Finanzi; u
    - Ċentru Servizz Familja servizz.gov – li jipprovdi servizzi relatati mal-Ministeru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali (MFCS).

  Kull wieħed minn dawn iċ-ċentri speċjalizzati jinkludi ċentru ta' servizz.gov, fl-istess binja, biex jieħu ħsieb il-bżonnijiet tal-pubbliku ġenerali fir-rigward tas-servizzi governattivi.
- Jitwieġbu mistoqsijiet u jiġu pprovduti servizzi speċifiċi marbuta mal-MEDE permezz tal-Freephone 153.
- Jitwieġbu domandi relatati ma' Brexit ukoll permezz tal-Freephone 153.
- Ġiet aġġornata l-infrastruttura tal-Freephone 153 f'termini ta' użu u espansjoni futura.
- Kontinwazzjoni fit-tisħiħ taċ-ċentru ta' kuntatt li joffri informazzjoni u servizzi lill-konsumaturi, inkluż il-faċilitajiet biex jintbagħtu lmenti, suġġerimenti, kumplimenti jew tiġi rrappurtata burokrazija fuq wieħed mis-servizzi governattivi.

- Żieda tal-għarfien pubbliku fuq l-għanijiet ta' servizz.gov u s-servizzi offruti bil-viżjoni ta' gvern aktar qrib il-pubbliku.
- Branding ġdid għal servizz.gov biex tissaħħaħ il-brand image u l-preżenza fis-suq,
- Ittellgħet l-ewwel edizzjoni tas-Servizz.gov Awards li matulha ngħata rikonoxximent lir-rappreżentanti ta' servizz.gov.
- L-għoti tal-Quality Label mill-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti Ewlieni waqt l-ewwel avveniment tal-Quality Label Awards.

L-għan aħħari ta' servizz.gov hu li joffri servizz ta' eċċellenza liċ-ċittadin billi joffri aċċess għas-servizzi governattivi b'mezzi differenti, li jinkludu Freephone 153, iċ-ċentri reġjonali u dawk speċjalizzati, l-email, is-sit elettroniku servizz.gov.mt, u l-mobile services permezz tal-app maltapps. Permezz ta' dan, is-servizzi governattivi huma wkoll aċċessibbli 24 siegħa kuljum.

Bħalissa servizz.gov jirċievi fix-xahar medja ta' 48,000 telefonata, 7,000 żjara tal-konsumatur fiċ-ċentri reġjonali u mal-500 email.

Maltapps, il-one-stop-shop ta' servizz.gov fuq il-mowbajl, tniżżlet aktar minn 5,000 darba fl-2019.

L-aktar ċentru reġjonali frekwentat miċ-ċittadin huwa dak ta' Ħal Qormi, filwaqt li Taxpayer Service servizz.gov, li jinsab fil-Furjana, huwa l-aktar ċentru speċjalizzat popolari maċ-ċittadin.

## Implimentazzjoni tar-Riforma fix-Xiri Pubbliku u l-Finanzi

Matul l-2019 dan l-Uffiċċju kien fundamentali biex jikkordina bidliet sinjifikanti fil-qasam tax-Xiri Pubbliku u b'mod partikolari fir-riforma tal-leġiżlazzjoni finanzjarja li qed iwettaq is-Servizz Pubbliku. Dawn ir-riformi huma parti minn pjan strateġiku biex dawn iż-żewġ setturi jkollhom sistemi u proċessi li jagħmlu tajjeb għaż-żminijiet moderni.

### Finanzi

Fl-ewwel xhur tas-sena l-Working Group Financial Legislation Reform, li jaqa' taħt ir-responsabbiltà ta' dan l-Uffiċċju, kompla jaħdem biex jitlesta l-abbozz ta' liġi li jirregola l-Ġestjoni tal-Finanzi Pubbliċi. Twettqet konsultazzjoni ferm wiesgħa ma' kull dipartiment u entità li b'xi mod imissu ma' din il-liġi; fosthom il-Ministru għall-Finanzi li taħtu taqa' din il-liġi, is-Segretarji Permanenti, l-Uffiċċju tal-Baġit u t-Teżor, l-Uffiċċju tal-Awditur Ġenerali, id-Dipartiment tal-Investigazzjonjiet Interni u Awditjar, id-Dipartiment tal-Kuntratti u l-Uffiċċju tal-Istatistika.

Wara din il-firxa ta' konsultazzjoni, dan l-abbozz ġie diskuss fil-Parlament u l-liġi ġiet approvata b'mod unanimu mill-partijiet kollha tal-Kamra nhar it-12 ta' Lulju, 2019. Iċ-Ċirkolari tal-OPM 12/2019 ippubblikata fit-30 ta' Ottubru tintroduċi dan l-Att lill-ħaddiema fis-Servizz Pubbliku u fis-settur pubbliku. L-istess ċirkolari tisħaq fuq governanza tajba fl-immaniġġjar finanzjarju tal-Gvern u li barra li jkun hemm prattiki moderni ta' tmexxija, tiġi iddelegata r-responsabbiltà fit-tmexxija u d-deċiżjonijiet. Għaldaqstant dan l-Att, li daħal minflok l-Att dwar l-Amministrazzjoni Finanzjarja u l-Verifika tal-1962, jisħaq fuq l-immaniġġjar effettiv u effiċjenti tal-assi u l-obbligazzjonijiet kollha, in-nefqa u d-dħul tal-flus tal-Gvern kif ukoll li jaħseb għall-introduzzjoni tal-accruals accounting.

Din il-ħidma tfisser li fuq medda ta' sentejn daħlu fis-seħħ żewġ leġiżlazzjonijiet ferm importanti f'dan il-qasam, wara li fil-11 ta' April tal-2017 ġiet approvata l-Leġiżlazzjoni Sussidjarja tar-Regolamenti dwar il-Finanzi Ġenerali flok dik tal-1966. Matul dan il-proċess il-Working Group ikkunsidra fid-dettall l-iżviluppi u t-tendenzi fil-politika tat-tmexxija finanzjarja fuq livell internazzjonali u standards stabbiliti.

Dan l-Uffiċċju kompla jagħti l-appoġġ meħtieġ biex isir ix-xogħol kollu neċessarju biex tiddaħħal is-sistema l-ġdida tal-Accounts, Corporate Financial Management Solution (CFMS). Fost l-oħrajn dan ifisser koperazzjoni mat-Teżor, il-Ministeru għall-Finanzi, u d-dipartimenti li se jservu ta' siti pilota. Din is-sistema se ddaħħal prattiki ġodda ta' kif id-dipartimenti u l-ministeri jirrappurtaw iċ-ċifri finanzjarji. Daqstant ieħor l-Uffiċċju tal-Awditur Ġenerali u d-Dipartiment tal-Investigazzjonjiet Interni u Awditjar iridu jaġġornaw il-mod kif jagħmlu l-verifiki ta' dawn ir-rapporti finanzjarji.

**Xiri Pubbliku**

Il-ħidma f'dan il-qasam kienet marbuta mal-proġett taħt fondi tal-Kummissjoni Ewropea li dan l-Uffiċċju kien responsabbli għalih, il-Public Procurement in Malta – Re-engineering the Department of Contracts, b'fondi ta' €90,000.

Ir-rapport finali ta' 128 paġna jressaq numru ta' inizjattivi li d-Dipartiment tal-Kuntratti jista' jieħu biex il-qasam tax-Xiri Pubbliku jkun iktar effettiv, effiċjenti u inqas burokratiku filwaqt li jixpruna d-deċentralizzazzjoni. Dan l-istess rapport kien ippreżentat lill-Ministru għall-Finanzi f'laqgħa ma' uffiċjal għoli tal-OECD f'Marzu. Għalhekk dan l-Uffiċċju ħadem mal-Ministeru għall-Finanzi biex jitħejja pjan ta' azzjoni biex jibdew jidħlu xi miżuri li dan ir-rapport jelenka.

## Kordinazzjoni tal-Monitoraġġ tal-Implimentazzjoni fl-Amministrazzjoni Pubblika

Fl-2019 l-Implementation Unit, fi ħdan l-Uffiċċju tal-Prim Ministru, kompla jwettaq ir-rwol tiegħu – dak li jimplimenta eżerċizzju kordinat li permezz tiegħu l-amministrazzjoni pubblika tkun tista' tara u ssegwi l-proġetti li jkunu qed jitwettqu matul is-sena. Is-sistema mwettqa mill-Unit dwar l-Implimentazzjoni hija msejsa fuq l-erba' pilastri li jħaddan is-Servizz Pubbliku bil-għan li joffri servizz dejjem aktar ta' kwalità. L-erba' pilastri huma l-vuċi għall-istakeholder, id-disinn tal-policies, il-pakkett tas-servizzi u l-kontabbiltà. Permezz ta' din is-sistema, il-Unit dwar l-Implimentazzjoni jara li jitwettaq il-pjan ta' ħidma għas-sena rispettiva, fejn kulħadd huwa kontabbli u fejn huwa mistenni titjib fil-kwalità tas-servizz mogħti. Is-sistema ta' monitoraġġ turi r-riżultati: turi fejn sejjer tajjeb u wkoll fejn hemm il-ħtieġa ta' attenzjoni.

L-implimentazzjoni hija msejsa fuq il-prinċipju ta' ppjanar 3D – jiġifieri Define, Design u Deliver. Issir enfasi fuq ippjanar tajjeb (Define) fejn min se jimplimenta jrid jifhem eżattament x'inhu meħtieġ u kif se titwettaq il-miżura. Wara ssir evalwazzjoni ta' x'riżorsi huma meħtieġa (Design) matul il-fażi tat-twettiq u anke wara li l-miżura tkun imwettqa. Bażi soda u ppjanar tajjeb jippermettu li l-implimentazzjoni tkun waħda mingħajr skossi (Deliver) u għaldaqstant, permezz ta' din is-sistema, jingħata rendikont dwar x'ġie implimentat u fejn għad fadal xogħol.

### Sistema Elettronika Ġdida għal Rappurtaġġ dwar l-Implimentazzjoni ta' Proġetti u Monitoraġġ

Matul l-2019 saret ħidma biex tiġi żviluppata sistema ġdida elettronika li permezz tagħha jibda jsir ir-rappurtaġġ dwar l-implimentazzjoni mill-ministeri differenti u d-dipartimenti u l-entitajiet li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tagħhom. Fl-aħħar erba' xhur tas-sena sar il-User Acceptance Testing tas-sistema żviluppata u r-roll-out tas-sistema għandu jsir fil-bidu tal-2020.

### Miżuri tal-Baġit 2019

Ta' kull sena l-Baġit jelenka l-miżuri li jkunu se jitwettqu s-sena ta' wara. Fil-Baġit jitfassal il-pjan għas-sena li jkun imiss fejn l-ippjanar huwa l-mod kif dak il-pjan ikun se jitwettaq u fil-fatt jitwettaq.

Matul l-2019 ir-rata tal-implimentazzjoni tal-miżuri tal-Baġit 2019 kienet ta' 75%.

Tkompla wkoll monitoraġġ ta' miżuri oħra tal-Baġits passati sabiex jiġi żgurat li kull miżura u proġett jiġu implimentati.

**Miżuri ta' Simplifikazzjoni ta' Proċessi u Tnaqqis fil-Burokrazija**

Is-simplifikazzjoni tal-proċessi hija mżewġa mat-tiġdid li għaddej minnu kontinwament is-Servizz Pubbliku li l-miri tiegħu huma: deċiżjonijiet fil-ħin u bi proċessi iqsar. Dan ifisser li s-servizz li jingħata mis-Servizz Pubbliku jkun aħjar, b'inqas proċessi burokratiċi u b'iktar effiċjenza.

Matul l-2018 twettqu diversi miżuri oħra ta' simplifikazzjoni. Kien hemm firxa ta' miżuri ta' simplifikazzjoni f'kull qasam. B'mod ġenerali l-miżuri li ġew implimentati jistgħu jinqasmu f'żewġ kategoriji partikolari: dawk meħuda ċentralment li laqtu lis-Servizz Pubbliku kollu u oħrajn li laqtu setturi speċifiċi.

**Pubblikazzjonijiet Annwali dwar it-Twettiq ta' Miżuri**

Kull sena jiġu ppubblikati rapporti li jelenkaw it-twettiq tal-miżuri tal-Baġit kif ukoll dawk ta' Simplifikazzjoni. Dawn ir-rapporti huma msejsa fuq il-prinċipju li dejjem ikun hemm aktar trasparenza u kontabbiltà. Permezz ta' dan ir-rapport jingħata rendikont ta' dak li jkun twettaq matul is-sena kif ukoll dak li jkun għadu pendenti.

Dan ir-rapport annwali dwar l-implimentazzjoni tal-miżuri jpoġġi l-ħidma tas-Servizz Pubbliku għall-iskrutinju. Permezz ta' dan l-iskrutinju jkun possibbli li jsir aktar titjib fl-operat u fil-ħidma sabiex b'hekk jintlaħqu l-aspettattivi taċ-ċittadin.

## Kordinament tal-Ispezzjonijiet

L-Uffiċċju ta' Kordinament tal-Ispezzjonijiet kompla l-ħidma tiegħu sabiex l-operat tal-ispezzjonijiet ikompli jiġi simplifikat u l-proċessi tax-xogħol jiġu aktar standardizzati. Permezz ta' dan il-proċess ir-riżorsi materjali, kif ukoll dawk umani, jiġu utilizzati b'mod iktar effiċjenti. L-implimentazzjoni ta' din ir-riforma għandha twassal għal tnaqqis fil-piżijiet li jġorr in-negozjant minħabba diversi spezzjonijiet varji filwaqt li twassal għal iktar edukazzjoni u komunikazzjoni dwar standards mitluba minn diversi liġijiet.

Flimkien mal-ispezzjonijjiet li kienu diġà għaddejjin b'mod sħiħ fil-ħwienet tal-laħam, ħwienet tax-xagħar, ħwienet tas-sbuħija, garden centres, furnara, spiżeriji, artisti li jagħmlu t-tattoos, zoos u boarding kennels, ħwienet tal-merċa u ħwienet tal-ħelu, l-uffiċċju nieda r-riforma fil-ħwienet tal-ħaxix, importaturi tal-ikel, irziezet tal-baqar, tal-ħnieżer, tal-fniek u tat-tiġieġ, kliniki tad-dentisti, akupuntura, podjatrija, body piercing, laboratorji, semi-permanent make-up, radjoloġija, fiżjoterapija, stabbilimenti ta' tqattigħ, biċċeriji tal-logomorfi u t-tjur, u djar tal-anzjani.

In-negozji kienu differenti minn xulxin u ta' daqs varju sabiex ir-riforma tinvolvi iktar spettorati u jkun hemm iktar involviment b'mod sħiħ u kollaborazzjoni bejniethom. Bl-implimentazzjoni tar-riforma, negozji li fil-passat kien ikollhom bejn erbgħa u sitt spezzjonijiet minn spettorati differenti f'mumenti differenti, bdiet issirilhom spezzjoni waħda għal iktar effiċjenza minn spettorat primarju. F'każ ta' irregolaritajiet, l-ispettorati sekondarji huma fid-dmir li jagħmlu spezzjoni sabiex jiggwidaw u jwasslu negozju skont il-ligi stipulata.

L-ispezzjonijiet li saru kienu bbażati fuq eżerċizzju ta' riskju, filwaqt li oħrajn kienu bbażati fuq liċenzji annwali. L-informazzjoni kollha miġbura mill-ispettorati tintbagħat lill-Uffiċċju ta' Kordinament u titqassam fost l-ispettorati kollha li għandhom interess fin-negozju partikolari. L-ispettorati li rċevew l-informazzjoni huma fid-dmir li janalizzawha b'mod immedjat, tittieħed l-azzjoni meħtieġa fil-ħin xieraq u skont in-negozju jingħata feedback lill-ispettorat primarju.

L-Uffiċċju ta' Kordinament ħadem ukoll ma' diversi spettorati oħra sabiex jiġu formulati r-rekwiżiti kollha fejn jidħlu negozji diversi biex b'hekk jitkompla l-proċess ta' amalgamazzjoni, tfassil ta' formuli ta' awtoevalwazzjoni u spezzjoni. B'hekk iktar negozji jkunu jistgħu jibbenefikaw minn din ir-riforma u iktar spetturi jaħdmu b'iktar effiċjenza, diliġenza u kontabbiltà.

**Konklużjoni**

Dan l-Uffiċċju se jibqa' għaddej b'mod sħiħ sabiex ir-riforma tibqa' għaddejja b'ritmu mgħaġġel. Iktar negozji se jesperjenzaw l-effetti pożittivi tar-riforma, filwaqt l-ispettorati involuti sejrin isiru iktar effettivi, trasparenti u effiċjenti fix-xogħol tagħhom u jikkollaboraw iktar bejniethom. Din ir-riforma se tirriżulta f'iktar għarfien għan-negozji dwar l-istandards li jridu jintlaħqu għall-benefiċċju tal-poplu Malti u Għawdxi, b'involviment u parteċipazzjoni sħiħa mill-partijiet kollha u b'kontabbiltà sħiħa.

## Management Efficiency Unit

Matul l-2019, l-MEU kien inkarigat jieħu ħsieb proġetti u inizjattivi ta' natura nazzjonali jew ta' rilevanza għall-istrutturi ċentrali tal-Gvern/Amministrazzjoni Pubblika.

Kien hemm ukoll kontinwazzjoni fl-inizjattivi li jaqgħu fil-qafas għat-twettiq ta' programm ta' Key Performance Indicators imfassal u dirett mill-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti Ewlieni. Primarjament, dan kien jikkonċerna numru ta' inizjattivi fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex u t-trasferiment ta' numru ta' back office operations minn Malta għal Għawdex.

Għal kull proġett imfassal qed jingħata rendikont hawn taħt tal-iskop prinċipali tas-servizz ta' konsulenza mill-MEU u r-riżultati primarji li ntlaħqu.

| Titlu tal-Proġett | Skop(ijiet) Prinċipali | Riżultati Primarji |
|---|---|---|
| MGOZ: DCA Consolidation initiative | L-MEU ġiet appuntata biex tagħti parir fuq it-tfassil tal-pjan ta' analiżi u implimentazzjoni. | KONKLUŻ<br>Rakkomandazzjonijiet ġew aċċettati mill-klijent.<br>Il-Ministeru qed ikun assistit kontinwament fuq l-implimentazzjoni ta' din l-inizjattiva. |
| MGOZ: Back Office Services Transfer from Malta to Gozo | L-MEU ġiet appuntata biex tistabbilixxi jekk il-proposta kinitx fattibbli; u jekk iva biex (fejn kien hemm bżonn) tiffaċilita l-proċess li bih jiġi stabbilit dan is-servizz f'Għawdex.<br><br>L-MEU wkoll għenet lill-partijiet ikkonċernati jfasslu SLA. | KONKLUŻ<br>Rakkomandazzjonijiet ġew aċċettati mill-klijent.<br><br>Dan sar fir-rigward ta' servizzi tal-MFSA u tal-LES. |
| MGOZ: Back Office Services Transfer from Malta to Gozo – Identity Malta Services | Kontinwazzjoni tas-sena l-oħra. Ġew iffaċilitati numru ta' diskussjonijiet fuq aspetti problematiċi sabiex ikun hemm ftehim li jwassal għal SLA aċċettabbli għaż-żewg partijiet. | SLA ġie propost abbażi tad-diskussjonijiet.<br><br>Il-ħidma tal-MEU hija KONKLUŻA. |
| MEAE: E-participation platform | Saru numru ta' meetings biex tiġi stabbilita l-policy direction dwar l-iskop tal-proġett kif ukoll biex jiġi sottomess kull dokument/ deċiżjoni/pjan/rapport li jagħti mandat u definizzjoni tal-intenzjonijiet wara l-impenji hekk kif deskritti fid-Digitisation Strategy Document. | 1. Il-policy direction u l-iskop għadu ma ġiex mogħti lill-partijiet konċernati. Wara li dan jiġi ċċarat, l-MEU tkompli tassisti lill-Ministeru skont il-bżonn. ON HOLD.<br>2. L-MEU u l-MEAE qegħdin jaħdmu fuq proġett sabiex jiġi msaħħaħ is-sit elettroniku għall-konsultazzjoni pubblika. |

| | | |
|---|---|---|
| OPM and MEAE: Updating of Manual (Governance and operations) governing Malta's decision-making process as a member of the EU | Ġiet analizzata s-sitwazzjoni preżenti bir-reqqa. Dan kien jinkludi analiżi profonda tal-proċeduri, strutturi, eċċ. Kien ukoll jinkludi laqgħat dettaljati mal-partijiet konċernati inkluż kull ministeru. | MEU on-the-ground effort: KONKLUŻ ir-rapport u ġew imfassla rakkomandazzjonijiet dettaljati imma bħala abbozz.<br>Konklużjoni tal-qafas strateġiku u proposti fuq livell organizzattiv, policy, proċeduri, eċċ. jiġu konklużi abbażi tal-policy direction mogħtija. |
| Servizz.gov Agency Agreement | Ġie pprovdut l-appoġġ u kontribut skont il-ħtieġa.<br>Ġew żviluppati numru ta' templates (eċċ.) biex jiġu użati mill-Aġenzija. | Il-kontribut tal-MEU ġie aċċettat. KONKLUŻ |
| Ombudsman Annual Report (2018) | Appoġġ u kontribut skont il-ħtieġa speċjalment fil-kumpilazzjoni ta' analiżi statistika u kummentarju. | Ir-rapport kien ippubblikat. KONKLUŻ |
| NAO Performance Audits report (2018) | Appoġġ u kontibut skont il-ħtieġa biex jiġi ppubblikat ir-rapport. | Ir-rapport kien ippubblikat. KONKLUŻ |
| Inizjattivi oħra | Kummenti u proposti dwar in-National AI (Draft) strategy | Proposti varji ġew inkorporati fid-dokument finali.<br>KONKLUŻ |
| | Kummenti u proposti dwar in-National Smart City (Draft) strategy. | Numru ta' osservazzjonijiet ġew milqugħa tajjeb u anke saret laqgħa apposta biex jiġu diskussi f'iktar dettall.<br>KONKLUŻ |
| Appoġġ lis-CEO/ Segretarju Permanenti, OPM (S&I)<br>Ad hoc | Il-kontribut mogħti jinkludi:<br>• Rispons għas-Survey dwar inizjattivi ta' Riċerka u Żvilupp<br>• Sottomissjoni lill-EUPAN dwar l-Amministrazzjoni Pubblika Maltija u inizjattivi ta' tisħiħ/riforma u kif ukoll dwar Ex-Ante Conditionality 11 (appoġġ)<br>• Kwestjonarju tal-EUPAN (Romania) fuq servizzi elettroniċi<br>• Kwestjonarju tal-EUPAN (Romania) dwar l-etika<br>• Feedback fuq inizjattivi ċentrali tal-Amministrazzjoni Pubblika:<br>    • Public Administration Digitisation Strategy<br>    • Headship/Ministerial PMP Template<br>    • KPI 2019 Initiatives | |

| | |
|---|---|
| | • Quality Service Charters programme<br>• Quality Mark programme<br>• Proposti jew proposti fuq mudelli konċettwali dwar:<br>• It-tisħiħ tal-Uffiċċju tal-Kabinett<br>• Ħatriet tas-Segretarji Permanenti<br>• Revolving Door Policy Framework<br>• Revolving Door Policy Framework Directive<br>• Policy Labs (prinċipji)<br>• Policy Labs (mudell) |

**Responsabbiltajiet oħra**

- Ġestjoni tal-portafoll tal-ministeri;
- Ġestjoni ta' proġetti u timijiet;
- Appoġġ lill-Kap Eżekuttiv (acting) fit-tfassil tal-financial and business plans; risposti għal Mistoqsijiet Parlamentari dwar l-MEU; tfassil tar-rapport annwali u rapporti oħra simili dwar l-operat u l-achievements tal-MEU; il-Performance Appraisal tal-impjegati tal-MEU; risposti għal surveys; rapport jew mistoqsijiet ippreżentati minn entitajiet internazzjonali (EC, EP, EUPAN, GRECO, UNCAC u oħrajn); evalwazzjoni ta' talbiet għas-servizzi tal-MEU minn entitajiet pubbliċi varji; ippjanar/tfassil/twettiq ta' proġetti assenjati lill-MEU u s-sottomissjoni ta' status u rapporti ta' aġġornament;
- Amministrazzjoni interna hekk kif spjegat f'aktar dettall hawn taħt;
- Mentoring tal-konsulenti tal-MEU u appoġġ tekniku dwar proġetti assenjati;
- Iffaċilitar tal-programm intern ta' Continuous Professional Development għall-istaff kollu;
- Fejn hekk appuntat, saret assigurazzjoni li l-prodott finali tal-MEU jilħaq l-ogħla livell ta' kwalità u li l-prestazzjoni tal-MEU kienet waħda li tilħaq l-ogħla livell ta' etika, kwalità u li teċċedi l-aspettattivi tal-klijent.

# Id-Diviżjoni People & Standards (P&SD)

## L-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti

Matul is-sena 2019 il-People & Standards Division (P&SD) kompliet bil-ħidma tagħha fil-qasam tan-nies fi ħdan is-Servizz Pubbliku, waqt li żammet bħala l-għan prinċipali dak li jissaħħu u jiġu żviluppati jdejn il-ħaddiema, lejn il-kisba ta' Servizz ta' Eċċellenza matul is-Servizz kollu. F'dan il-kuntest, id-Diviżjoni baqgħet tħares lejn il-ħaddiem kemm bħala uffiċjal li qed jipprovdi servizz u fl-istess ħin bħala klijent li qed jiġi moqdi. Fil-perspettiva tad-Diviżjoni, is-Servizz ta' Eċċellenza huwa mmirat biex jiġi pprovdut kemm lill-klijent estern (membri tal-pubbliku) u kemm lill-klijent intern (il-ħaddiema tal-gvern li jkollhom bżonn assistenza fi ħdan is-Servizz). B'mod komprensiv qed jiġi mħares il-prinċipju strateġiku tar-rabta bejn il-kwalità u l-iżvilupp, filwaqt li jikber u jissaħħaħ l-element elettroniku li għal bosta snin kien injorat.

Issokta matul dan il-perjodu t-tħaddim u monitoraġġ tal-Istandards ta' Kwalità, fuq disinn ta' erba' pilastri li huma l-Vuċi (li nisimgħu lill-klijent); id-Disinn (niffurmaw policies u proċessi li jilħqu l-livelli mixtieqa mill-klijenti); il-Pakkett (fejn is-servizz jingħata f'waqtu u ta' livell li jilħaq l-aspettattivi tal-klijenti); u l-Kontabbiltà (servizz ta' min joqgħod fuqu, onest, u li jinkludi rispett u lealtà lejn il-klijent innifsu). Id-Diviżjoni, permezz ta' mystery shoppers, compliance checks, żvilupp tan-nies u ffukar fuq in-nies b'mod ħolistiku, tħares lejn dawn il-pilastri bħala għanijiet strateġiċi u ħolistiċi li, flimkien mal-mudell ta' kwalità tas-Servqual, jagħtu stampa ċara lill-Ministeri kollha ta' fejn irridu naslu. Il-mudell tas-Servqual, għodda amministrattiva-maniġerjali ta' kif jiġi kkalkulat u analizzat il-livell ta' kwalità ta' servizz li qed jingħata, huwa bbażat fuq l-10 kriterji ta' servizz ta' kwalità. Inizjattiva ġdida li bdiet titfassal lejn l-aħħar tas-sena 2018 u kompliet fi 2019 kien il-proġett tal-Quality Label, fejn dipartimenti jew units minn fejn regolarment jingħata servizz ta' kwalità lill-pubbliku se jiġu rikonoxxuti billi jingħataw label li tindika l-kwalità għolja tas-servizz tagħhom lin-nies – proġett li ġie fdat f'idejn id-Direttorat tal-Kwalità u l-Istandards.

Sadanittant id-Diviżjoni People & Standards kompliet ukoll il-ħidma tagħha marbuta mal-istrateġija tal-immaniġġjar tan-nies billi ma waqfitx isservi ta' tmun għall-Ministeri kollha fit-tmexxija tan-nies, waqt li ssoktat tiddelega aktar awtorità f'dak li jirrigwarda performance tan-nies, dixxiplina, immaniġġjar ta' riżorsi umani, negozjati dwar relazzjonijiet industrijali, u tisħiħ ta' taħriġ għal prodott aħħari ta' kwalità ogħla filwaqt li tibqa' tissorvelja l-livell tas-servizz estern kif ukoll intern.

Id-Diviżjoni tibqa' kommessa li twettaq il-miri tagħha hija u tħaddan il-valuri magħżula għal dan il-għan: li tisma' lin-nies, assistenza effettiva dejjem serja, servizz ta' kwalità u servizz mogħti b'serjetà, responsabbiltà u integrità.

**Id-Direttorat tal-Kwalità u l-Istandards**

Imwaqqaf f'Diċembru 2017, id-Direttorat dwar il-Kwalità u l-Istandards għandu fid-dekasteru tiegħu t-tħaddim tal-viżjoni tad-Diviżjoni dwar servizz ta' eċċellenza. Il-proġetti ta' dan id-Direttorat fil-fatt huma kollha mmirati lejn dan is-servizz ta' eċċellenza, b'mod partikolari kif artikulat permezz tad-Direttiva 4-1 (April 2017) li telenka l-proċeduri mudelli li kull ħaddiem fis-servizz għandu jfassal ruħu fuqhom biex jasal itejjeb il-kwalità ta' servizz li huwa jagħti kemm lill-klijenti esterni kif ukoll lil dawk interni. Tali proġetti, imwaqqfa biex flimkien jixprunaw it-titjib tas-servizz lill-klijenti, jinkludu: l-Assessjar ta' Kwalità fid-Dipartimenti tas-Servizz Pubbliku, il-proġett tal-Mystery Shopper, l-iċċekkjar kontinwu tas-servizz permezz tas-Survey Kiosks u l-app tal-mowbajl Rate the Public Service, u t-taħriġ dwar Servizz ta' Eċċellenza. Bit-tħaddim strateġiku ta' dawn il-proġetti, id-Direttorat jagħraf jevalwa postijiet fejn jinqeda l-pubbliku regolarment u jgħolli l-livell ta' servizz skont il-bżonn partikolari. Inizjattiva ġdida li twieldet matul l-2018 u tnediet fl-2019 hija dik tal-Quality Award li tinvolvi r-rikonoxximent uffiċjali ta' servizz ta' kwalità għolja, mogħtija lil dipartimenti jew units li jagħtu servizz kontinwu lill-pubbliku. Fil-kuntest tal-mira ewlenija tad-Direttorat, li hija dik ta' titjib kontinwu tas-servizz lill-pubbliku, il-klijent – inkluż dak intern – jingħata l-post ċentrali.

**Il-proġett tal-Mystery Shopper**

Id-Direttorat kompla l-proġett tal-Mystery Shopper ESF.04.0078 bit-titlu: Mystery Shopper - Enhanced performance in the Public Administration leading to a Service of Excellence. L-għan prinċipali tal-proġett huwa dak li jevalwa s-servizzi li jagħtu kontinwament id-Dipartimenti u l-Entitajiet tal-Gvern direttament lill-pubbliku, bil-ħsieb li jsir titjib skont il-bżonn. Il-mudell ta' evalwazzjoni użat mid-Direttorat għall-eżerċizzji ta' Mystery Shopping huwa dak tas-SERVQUAL, flimkien mal-10 kriterji ta' servizz ta' kwalità li huma: Aċċess, Komunikazzjoni, Nifhmu/Insiru Nafu lill-Klijent, Kompetenza, Kortesija, Kredibilità, Affidabilità, Tweġib Effettiv, Sigurtà u Aspetti Tanġibbli.

Il-valur ta' stampa ċara tas-servizz ta' dipartiment partikolari, li tinkiseb permezz tal-Mystery Shopping, huwa kbir, billi tali informazzjoni ma tistax tiġi miksuba b'mod ieħor. Abbażi tal-istampa mogħtija mill-eżerċizzju tal-Mystery Shopping, id-Direttorat jagħmel analiżi tas-sitwazzjoni, u permezz ta' Pjanijiet ta' Azzjoni (Action Plans) id-dipartiment konċernat jingħata lista ta' rakkomandazzjonijiet dwar kif jista' jtejjeb is-servizz tiegħu. Issegwi ħidma ta' monitoraġġ sakemm ir-rakkomandazzjonijiet jiġu mwettqa kollha.

Matul is-sena 2019 id-Direttorat mexxa l-operat ta' dan il-proġett billi tkompla l-eżerċizzju tal-Mystery Shopping fuq numru ta' dipartimenti kemm fis-Servizz Pubbliku kif ukoll fis-Settur Pubbliku, ta' diversi servizzi li jirrigwardjaw oqsma varji, fosthom l-Ekonomija u l-Kummerċ, l-Edukazzjoni, l-Impjieg, l-Agrikultura, servizzi f'Għawdex, l-Inklużjoni Soċjali u s-Servizzi Soċjali. Dan kollu involva ħidma mill-viċin ma' sitt Ministeri differenti, li wasslet għall-implimentazzjoni ta' 308

rakkomandazzjonijiet, kollha mmirati sabiex jittieħdu l-passi meħtieġa biex jittejjeb is-servizz lill-pubbliku skont il-pjan strateġiku ta' servizz ta' eċċellenza.

**Assessjar ta' Kwalità fid-Dipartimenti tas-Servizz Pubbliku**

Il-proġett tal-assessjar tas-servizzi li qed jingħataw lill-pubbliku minn dipartimenti varji tal-Gvern kien wieħed mill-KPIs tad-Direttorat matul is-sena 2018. Din l-evalwazzjoni ssir minn assessuri mibgħuta apposta mid-Direttorat dwar il-Kwalità u l-Istandards, sabiex tittieħed stampa ċara tal-livell tas-servizz li qed jingħata minn dipartiment partikolari, abbażi ta' numru ta' kriterji li fuqhom jingħata rating tad-dipartiment konċernat. Bħal fil-każ tal-eżerċizzu tal-Mystery Shopping, dawn il-kriterji huma mfassla fuq il-mudell tas-SERVQUAL u l-10 kriterji ta' servizz ta' kwalità msemmija diġà hawn fuq. Isir ukoll assessjar tal-applikazzjoni ta' Direttiva 4-1. Wara li ssir l-evalwazzjoni min-naħa tad-Direttorat, issir ukoll l-analiżi rilevanti tas-sitwazzjoni, u jintbagħat lill-kapijiet tad-dipartiment/sezzjoni tal-post ikkonċernat ir-rapport ta' evalwazzjoni, flimkien ma' Pjan ta' Azzjoni magħmul minn numru ta' rakomandazzjonijiet b'ħin stabbilit ta' meta għandhom jiġu mwettqa. Dawn jiġu segwiti sakemm jiġu mwettqa fiż-żmien stipulat, ħidma li tinvolvi interazzjoni kontinwa bejn id-Direttorat u l-Ministeri kkonċernati. Matul l-2019 ġew evalwati 9 dipartimenti u mir-rakkomandazzjonijiet għal titjib fis-servizz li ngħataw matul iż-żmien, ġew implimentati 'il fuq minn mija. Ir-rakkomandazzjonijiet li jieħdu fit-tul ser jibqgħu jiġu segwiti.

Dan il-proġett ta' assessjar ta' dipartimenti minn assessuri tad-Direttorat dwar Kwalità u Standards jifforma parti minn strateġija ħolistika tad-Direttorat fl-użu ta' metodi varji sabiex iressaq l-uffiċċji li qed jiġu assessjati lejn għoti ta' servizz lill-pubbliku ta' livell ogħla. Fl-istess ħin permezz ta' dawn l-evalwazzjonijiet id-Direttorat qed iħeġġeġ fost il-ħaddiema tal-Gvern il-kultura tant valida ta' customer care, fejn il-klijent jingħata servizz ta' eċċellenza.

**Rikonoxximent tas-Servizz ta' Kwalità (Quality Award)**

L-2019 tat bidu għat-twaqqif tal-Quality Award li tingħata b'rikonoxximent lil dipartiment jew entità fi ħdan l-Amministrazzjoni Pubblika.

Id-Dipartiment jew Entità Kandidat li jidħol għall-proċess biex jikseb il-Quality Award ikollu s-servizzi u l-proċessi tiegħu riveduti, titjib fil-faċilitajiet fejn jinqeda l-klijent, isirlu assessjar tal-motivazzjoni u l-attitudni tan-nies li qed jagħtu servizz permezz ta' Attitude Surveys, u jiġi stabbilit iċ-Charter ta' Servizz ta' Kwalità rispettiv. Il-Kandidat jiġi wkoll evalwat skont id-diskrezzjoni tad-Direttorat dwar il-Kwalità u l-Istandards, permezz ta' għodod ta' evalwazzjoni (eż. Mystery Shopping u assessjar dipartimentali mill-uffiċjali tad-Direttorat). Il-Quality Award tinkiseb jekk u meta d-Dipartiment/Entità Kandidat jilħaq il-livelli stabbiliti. Dan kollu jsir fil-kuntest tal-ġirja lejn il-kisba ta' Servizz ta'

Eċċellenza min-naħa tas-Servizz Pubbliku, bis-sapport, il-monitoraġġ u l-gwida tad-Diviżjoni dwar Nies u Standards.

Matul is-sena 2019, id-Direttorat dwar il-Kwalità u l-Istandards daħal għall-ħidma intensiva lejn l-għoti tal-Quality Awards lill-ewwel żewġ entitajiet u dipartiment li laħqu dawn il-livelli rikjesti. Għall-implimentazzjoni tal-proġett tal-Quality Award, id-Direttorat kellu sehem fir-rakkomandazzjoni għall-Quality Awards lil dawn it-3 dipartimenti/entitajiet li fil-kwalità tas-servizz tagħhom kienu għaddew minn assessjar permezz ta' eżerċizzji ta' Mystery Shopping u/jew assessjar dipartimentali mill-uffiċjali tad-Direttorat, kif ukoll laħqu l-aspettattivi fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet sussegwenti u korrettivi maħruġa mid-Direttorat.

Id-Direttorat kellu sehem ewlieni fit-tħejjija tad-dokumenti rilevanti (fosthom il-Manwal tal-Quality Award u ċ-Charters ta' Servizz ta' Kwalità) sabiex seta' jiġi varat il-proġett tal-Quality Awards mis-Segretarju Permanenti Ewlieni matul il-Ġimgħa għas-Servizz Pubbliku f'Settembru 2019, fejn ingħataw l-ewwel 3 Quality Awards lill-ARPA, Business 1st u l-5 hubs ta' servizz.gov. Dawn il-Quality Awards ġew mogħtija mill-Eċċellenza tiegħu l-President ta' Malta bħala parti mill-attivitajiet tal-Ġimgħa għas-Servizz Pubbliku. Monitoraġġ kontinwu kompla għaddej sabiex jiġi żgurat li s-servizz li qed jagħtu dawn ir-rebbieħa jibqa' ta' livell eċċellenti.

**Survey Kiosks u Rate the Public Service**

Bħala parti minn strateġija nazzjonali dwar l-mServices, f'April 2018 tnieda l-proġett pilota tar-Rate the Public Service li permezz tiegħu l-pubbliku qed jingħata ċans biex jagħti l-evalwazzjoni tiegħu ta' xi servizz li jkun għadu kif aċċessa. L-app li ġġib dan l-isem, u li faċilment tista' tiġi mniżżla fuq il-mowbajl ta' dak li jkun, hija ddisinjata bi skop speċifiku li tkompli tikkontribwixxi għal aktar titjib fis-Servizz Pubbliku għall-membri tal-pubbliku. Id-Direttorat jagħmel monitoraġġ tal-evalwazzjonijiet li jingħataw. S'issa l-pubbliku jista' jevalwa 57 dipartiment tal-Gvern, li jinvolvu 12-il Ministeru.

Sadanittant tkompliet il-ħidma fuq il-proġett tas-Survey Kiosks li permezz tiegħu wkoll il-pubbliku huwa mistieden biex jindika jekk iħossux moqdi jew le, wara li jkun aċċessa xi servizz. Dan isir billi jimmarka stampa ta' wiċċ jidħaq jew bil-geddum fuq monitor apposta li ssibu fil-post fejn ikun ingħata s-servizz. S'issa dawn il-monitors jinsabu fi 18-il dipartiment jew uffiċċju fejn jinqeda l-pubbliku regolarment, u jinvolvu 7 Ministeri differenti. Fl-aħħar ta' kull xahar jingħaddu l-evalwazzjonijiet kollha tal-pubbliku li jkun immarka l-opinjoni tiegħu fuq il-monitor, u jintbagħat rapport b'dawn l-evalwazzjonijiet lid-dipartiment konċernat. Il-monitoraġġ ta' dawn l-evalwazzjonijiet tas-Survey Kiosks, li jsir min-naħa tad-Direttorat dwar Kwalità u Standards, fl-istess ħin jiġbed l-attenzjoni tad-dipartiment konċernat meta jkollu evalwazzjonijiet pjuttost negattivi.

**Common Assessment Framework (CAF)**

Id-Direttorat assessja wkoll Dipartiment għal CAF Effective User Label. Id-Direttorat ta kontribut fl-iżvilupp tal-mudell ta' kwalità CAF, li ġie finalizzat u se jiġi varat fl-2020.

**Taħriġ**

Matul l-2019 kompla t-taħriġ min-naħa tad-Direttorat dwar servizz ta' kwalità u skont it-talbiet li jiġu mill-IPS, inkluż dak fil-programm tal-Public Management Toolkit.

**Industrial Relations Unit**

L-għan prinċipali tal-Industrial Relations Unit (IRU) huwa li jara li l-proċess tan-negozjati kollettivi rigward il-kundizzjonijiet tal-ħaddiema li jaqgħu fi ħdan l-Amministrazzjoni Pubblika jirriflettu l-linji gwida maħruġa mill-Amministrazzjoni minn żmien għal żmien. Dan tagħmlu billi primarjament tassisti lil Ministeri, Dipartimenti u Entitajiet Pubbliċi f'dak kollu li għandu x'jaqsam man-negozjati dwar kunduzzjonijiet ta' impjieg u wkoll fuq oqsma oħra fejn l-Amministrazzjoni ċentrali tħoss li għandha tieħu pożizzjoni komuni għall-ġid tal-impjegat, kif ukoll tal-klijent li jirċievi s-servizz.

**Entitajiet Pubbliċi**

Matul l-2019, l-IRU kien involut f'diskussjonijiet mal-Entitajiet Pubbliċi u l-Unions li jirrappreżentaw il-ħaddiema tal-entità partikolari, liema diskussjonijiet iffukaw primarjament fuq il-Ftehim Kollettiv rispettiv. L-IRU flimkien mal-maniġment tal-entità partikolari kkonkludew in-negozjati fuq il-Ftehim Kollettivi ta' għadd ta' entitajiet li ġew iffirmati matul l-2019.

**Ministeri u Dipartimenti fis-Servizz Pubbliku**

Matul l-2019, l-Industrial Relations Unit kien involut ukoll f'numru ta' laqgħat flimkien mal-Ministeri u l-Unions fejn id-diskussjonijiet iffukaw primarjament fuq reviżjonijiet fil-kundizzjonijiet tal-impjieg kif stabbiliti fil-ftehim settorali rispettivi, fejn anke ġew iffirmati għadd ta' ftehimiet, addenda, memoranda of understanding u side-letters.

Matul l-2019 l-IRU kien mitlub mid-Dipartimenti tal-Gvern, Entitajiet Pubbliċi, Awtoritajiet u Aġenziji biex jassisti u jagħti pariri dwar kwistjonijiet li jqumu minn żmien għal żmien fuq kundizzjonijiet tal-impjieg hekk kif stabbiliti fil-ftehim kollettiv jew dak settorjali, fuq l-implimentazjoni ta' klawsoli partikolari li joħorġu minn xi ftehim, kif ukoll fuq kwistjonijiet oħra ta' natura ġenerali fil-qasam tar-relazzjonijiet industrijali.

L-IRU se jkompli jagħti l-assistenza mitluba minnu lill-Maniġment tal-Amministrazzjoni Pubblika waqt tilwim industrijali li jista' jinqala' minn żmien għal żmien. Dan isir ukoll permezz ta' laqgħat ta' konċiljazzjoni li l-IRU jorganizza kull meta tinqala' xi tilwima. Dawn il-laqgħat dejjem servew ta' fora

fejn jistgħu jiġu diskussi kwistjonijiet li jkunu nqalgħu.

Fuq livell Ewropew, l-IRU tipparteċipa bħala official observer għan-nom tal-Amministrazzjoni Pubblika Maltija fis-Sectoral Social Dialogue Committee on Central Government Administration. Rappreżentanti tal-IRU jattendu għal-laqgħat li jsiru fi Brussell bil-parteċipazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea. L-IRU jassiguraw li l-Amministrazzjoni Pubblika Maltija tkun infurmata bl-aħħar iżviluppi u andamenti f'dak li għandu x'jaqsam mar-relazzjonijiet industrijali u żviluppi fil-kundizzjonijiet tal-impjieg fi ħdan l-Amministrazzjoni Pubblika.

**Id-Direttorat People Support and Wellbeing**

**One-Stop-Shop għall-Uffiċjali Pubbliċi**

Il-One-Stop-Shop għall-Uffiċjali Pubbliċi ġie mwaqqaf bil-għan li jkun punt ta' referenza għall-impjegati rigward il-kundizzjonijiet, drittijiet u l-obbligi kkonċernati mal-impjieg tagħhom fis-Servizz Pubbliku. Il-One-Stop-Shop żamm l-istess valuri u prinċipji li ilu jħaddan sa mill-bidu li twaqqaf fl-2017 bħala linji gwida għal din is-sena. Dawn il-prinċipji jirrikjedu li l-One-Stop-Shop joffri servizz ta' eċċellenza u kwalità kif jistħoqq lill-uffiċjali pubbliċi kollha billi joffrilhom l-għajnuna neċessarja b'mod effettiv, korrett u kontinwu.

Din is-sena l-One-Stop-Shop kompla l-ħidma tiegħu sabiex iżid l-għarfien dwar is-servizzi li joffri lill-impjegati. Bħala mezz ta' kontinwità, il-One-Stop-Shop immodera numru ta' focus groups fil-Ministeri tul is-sena kollha. B'differenza minn qabel, dawn il-focus groups saru b'mod aktar iffukat billi l-One-Stop-Shop żar id-Dipartimenti individwali fl-uffiċini rispettivi tagħhom. Dan il-metodu għen sabiex tingħata għajnuna aktar speċifika u fil-waqt, skont in-natura tax-xogħol tad-Dipartiment. Dawn il-laqgħat servew ukoll ta' lok sabiex wieħed iqajjem id-diffikultajiet u jgħaddi proposti tiegħu lill-One-Stop-Shop.

Permezz ta' din l-istrateġija, kif ukoll il-ħidma kontinwa f'dan il-qasam, il-One-Stop-Shop qed jaħdem b'aktar intensità sabiex l-uffiċjali pubbliċi jkollhom post ċentrali fejn jistgħu jfittxu rimedju jew assistenza b'mod kunfidenzjali. L-aċċess sar kemm permezz tat-telefown, email u kif ukoll bi żjarat ġewwa l-One-Stop-Shop.

Il-One-Stop-Shop iservi wkoll biex jilqa' talbiet mingħand l-uffiċjali pubbliċi għall-investigazzjoni mill-Grievances Board. L-iskop tal-Grievances Board huwa li uffiċjali pubbliċi jkunu jistgħu jfittxu rimedju għal allegati inġustizzji li jkunu sofrew fir-rigward tal-kundizzjonijiet tax-xogħol tagħhom. L-iskop tal-Grievances Board huwa li jinvestiga każijiet li jmorru lil hinn mill-iskop tal-One-Stop-Shop.

**Kundizzjonijiet dwar l-Impjieg mas-Servizz Pubbliku**

**Rilaxx ma' Organizzazzjonijiet Volontarji**

Il-politika dwar ir-rilaxx ta' impjegati pubbliċi ma' Organizzazzjonijiet Volontarji, kif ukoll il-proċedura tal-applikazzjoni, ġiet simplifikata. Dan sar sabiex il-kriterji meħtieġa jkunu aktar ċari kemm għall-organizzazzjonijiet volontarji kif ukoll għall-impjegati pubbliċi li jixtiequ jiġu rilaxxati. Barra minn hekk is-sejħa għar-rilaxx ma' Organizzazzjonijiet Volontarji issa se tkun miftuħa matul is-sena kollha, u mhux darba fis-sena biss, sabiex l-għajnuna lil dawn l-organizzazzjonijiet tingħata b'mod kontinwu u immedjat.

**Dixxiplina**

Ir-Regolamenti tal-Proċedura ta' Dixxiplina tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku ġew emendati biex jirriflettu deċiżjoni meħuda mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet Umani. Permezz ta' din l-emenda l-membri tal-Bord tad-Dixxiplina se jibdew jiġu magħżula mis-Segretarju Permanenti rispettiv u m'għandhomx jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tal-Kap tad-Dipartiment li jkun beda proċeduri dixxiplinarji kontra l-uffiċjal konċernat. B'hekk ikun żgurat li l-Bord tad-Dixxiplina jkun imparzjali. Sar eżerċizzju mal-Ministeri kollha sabiex jiġi żgurat li dan il-provvediment jiġi segwit. Issoktat il-ħidma rigward il-monitoraġġ u l-awditjar tal-każijiet tad-dixxiplina fil-Ministeri, sabiex jiġi żgurat li l-proċedimenti tar-Regolamenti tad-Dixxiplina tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku jkunu qed jiġu osservati b'mod xieraq.

**Id-Direttorat tar-Research and Personnel Systems**

Il-funzjonijiet prinċipali tad-Direttorat tar-Research and Personnel Systems għas-sena 2019 kienu:

- L-immaniġġjar u l-manutenzjoni tas-sistema tas-salarji tas-Servizz Pubbliku kif ukoll il-ħlas f'ħinu tas-salarji, bonuses, sahra u allowances lill-persuni kollha li jitħallsu minn din is-sistema;
- Il-monitoraġġ tas-sistema tal-prestazzjoni tal-impjegati tas-Servizz Pubbliku biex il-prestazzjonijiet tal-impjegati jkunu mkejla b'mod aktar adegwat u effiċjenti kif ukoll ta' moduli tar-riżorsi umani għas-Servizz Pubbliku, flimkien mas-sapport meħtieġ fuq dawn is-sistemi;
- L-organizzazzjoni ta' fora regolari mad-Diretturi tas-Servizzi Korporattivi, Diretturi tal-People Management u Maniġers tar-Riżorsi Umani, biex dejjem itejbu l-kompetenzi tagħhom f'dan il-qasam, u jkunu aġġornati bi żviluppi ġodda u policies fil-qasam tar-riżorsi umani;
- L-immaniġġjar u ż-żamma ta' dettalji tal-impjegati tal-Amministrazzjoni Pubblika, biex permezz ta' dawn tkun tista' tingħata informazzjoni regolari, eżatta, f'ħinha u kwalitattiva għal ippjanar aħjar u biex ikunu jistgħu jittieħdu deċiżjonijiet għaqlin;
- Id-disinn, l-ittestjar u l-implimentazzjoni ta' sistemi kompjuterizzati tar-riżorsi umani biex ikunu utilizzati fil-ministeri u d-dipartimenti kollha tas-Servizz Pubbliku, sabiex permezz tagħhom titjieb l-effiċjenza u jkun jista' jsir tqassim aħjar tar-riżorsi umani fis-Servizz Pubbliku.

**Is-sistema tas-salarji tas-Servizz Pubbliku**

Is-sistema kompjuterizzata tas-salarji tal-Gvern komplew isirulha numru ta' upgrades matul is-sena biex tkun aktar effiċjenti u sigura, filwaqt li jkun żgurat li s-sistema tkun dejjem aġġornata bl-aktar ħtiġiet riċenti, speċjalment dawk li joħorġu mid-Diskors tal-Baġit.

Matul is-sena 2019, id-Direttorat ipproċessa tlettax-il pagament ta' salarju lil impjegati tas-Servizz Pubbliku flimkien ma' pagamenti ta' stipendji għall-istudenti. Fi Frar intbagħtu wkoll il-formoli tal-FS3 lil impjegati u studenti. Ir-rapporti, payslips u FS3s iġġenerati minn din is-sistema huma kważi kollha f'format elettroniku, u jitqassmu bl-email. B'hekk is-Servizz Pubbliku rnexxielu jnaqqas konsiderevolment il-carbon footprint tiegħu kif ukoll il-ħela fl-użu tal-karta u tal-linka tal-istampar.

**Il-bidu tat-tieni fażi tal-Portal tar-Reklutaġġ**

Matul is-sena 2019, id-Direttorat kompla bl-implimentazzjoni tat-tieni fażi tal-Portal tar-Reklutaġġ tas-Servizz Pubbliku. Il-bidu ta' din il-fażi kien jikkonsisti fl-approvazzjoni tal-vakanzi direttament mis-sistema. Fejn qabel dan il-proċess kien isir permezz ta' korrispondenza elettronika, issa dan isir totalment mis-sistema. B'hekk kull vakanza jkollha l-proċess marbut mal-ħruġ tagħha kollu miġbur fis-sistema.

**Responsive website ġdida - https://mypersonalkiosk.gov.mt/**

Fis-sena 2019, id-Direttorat tar-Research and Personnel Systems kompla jestendi l-funzjonijiet tar-responsive website https://mypersonalkiosk.gov.mt/ billi inkluda fiha d-dokument tal-FS3s tal-aħħar tliet snin. Issa kull impjegat imħallas mis-sistema tas-salarji tas-Servizz Pubbliku jista' jaċċessa l-FS3s minn din il-website permezz tal-eID. Id-Direttorat, flimkien mal-uffiċċju taċ-Chief Information Officer, qed jippjana biex ikompli jestendi l-funzjonijiet f'din il-website billi jinkludi wkoll dettalji tal-ħiliet u l-kwalifiki tal-impjegati tas-Servizz Pubbliku.

**Compliance Audits**

Tkomplew il-Compliance Audits li l-People and Standards Division qed tagħmel fil-Ministeri u Dipartimenti. Matul l-2019 saru disa' Compliance Audits u d-Direttorat tar-Research and Personnel Systems ħa ħsieb il-parti tal-allowances. F'kull każ ġie verifikat il-proċess ta' kif ingħatat l-allowance sabiex jiġi determinat jekk din ġietx approvata mill-awtorità kompetenti u sabiex ikun żgurat li hemm id-dokumentazzjoni kollha meħtieġa. Id-Direttorat kompla wkoll l-audits fuq il-miżuri favur il-familja biex jiġi determinat jekk Direttiva 8 hux qiegħda tiġi mħarsa u fuq leave minħabba mard. F'każ ta' nuqqasijiet identifikati, il-Ministeri u Dipartimenti ġew mgħarrfa u kienu mitluba jieħdu miżuri korrettivi sabiex is-sitwazzjoni tiġi rettifikata fi żmien stipulat.

**L-Istitut għas-Servizzi Pubbliċi**

**Il-ħidma ġenerali**

Is-sena 2019 kienet sena impenjattiva għall-Istitut għas-Servizzi Pubbliċi kemm fit-twettiq tal-funzjonijiet li joħorġu mill-miri tal-gvern, kif ukoll bi proġetti u inizjattivi ġodda.

Fil-fatt id-direttorat, fost in-numru kbir ta' korsijiet li organizza, ħadem ħafna biex jiffoka fuq taħriġ immirat lejn pożizzjonijiet ta' tmexxija. Barra t-taħriġ li jsir skont il-prospett ippubblikat ta' kull sena, kien hemm ukoll numru ta' programmi li kienu mitluba minn ministeri, dipartimenti, u entitajiet governattivi.

L-2019 kienet ukoll sena fejn ġie mwaqqaf bord ġdid: hekk imsejjaħ Educators' Board. L-għan ta' dan il-bord hu li jiggwida l-IPS fit-teknika fejn jidħol dak kollu li għandu x'jaqsam ma' taħriġ, partikolarment fl-akkreditar ta' korsijiet. Il-kollaborazzjoni mal-Università ta' Malta u l-MCAST kompliet dejjem tħalli l-frott. Ġew introdotti wkoll korsijiet ġodda bħal dawk fl-ICT u l-customer care. Barra minn hekk baqgħu jiġu offruti programmi li huma wkoll akkreditati man-National Commission for Further and Higher Education (NCFHE). It-taħriġ kien jinkludi oqsma bħal dak tal-governanza, strateġija u żvilupp ta' policies, financial management, riżorsi umani, lingwi, u oħrajn.

Tajjeb li wieħed isemmi wkoll in-numru ta' boroż ta' studju li ngħataw f'diversi suġġetti u li pprovdew opportunitajiet lil ħafna impjegati biex setgħu jkomplu kemm l-istudji tagħhom f'livell akkademiku kif ukoll jieħdu esperjenzi barra minn Malta fejn setgħu jattendu għal seminars u workshops qosra biex itejbu l-għarfien dwar x'qed isir fil-qasam tax-xogħol tagħhom f'pajjiżi oħra.

Dan kollu qed iseħħ f'qafas ta' kompetenzi li d-direttorat żviluppa biex jistruttura t-taħriġ għas-Servizz Pubbliku u jgħin lill-managers u lill-impjegati kollha jidentifikaw it-taħriġ li għandhom bżonn fl-iżvilupp personali tagħhom, kif ukoll biex javvanzaw fil-karriera.

**Taħriġ**

Il-ħidma tas-Sezzjoni tal-Management Development matul l-2019 iffukat fuq korsijiet li jagħmlu parti mill-Entry to Senior Management Level Programme (li qabel kien il-Public Management Toolkit), Programme to be eligible for the Post of Senior Principal, taħriġ ieħor bħal Train the Trainer u Conflict Resolution kif ukoll numru ta' korsijiet ad hoc fuq talba tad-Dipartimenti rispettivi.

Minn Jannar sa Diċembru 2019, is-sezzjoni Policy and Government organizzat total ta' disgħin kors. Dan it-taħriġ jinkludi ċ-ċertifikati biex tkun eliġibbli għall-kariga ta' Prinċipal, kif ukoll iċ-ċertifikat biex wieħed ikun eliġibbli għall-kariga ta' Assistent Prinċipal u programmi oħra kif indikati fil-prospett

tal-Istitut għas-Servizzi Pubbliċi. Il-korsijiet jinkludu taħriġ fuq oqsma bħal: Performance; Teams; Conflict Resolution; Public Relations; Key Legislative and Administrative Issues Affecting the Public Service; Inventory Management & Control; Public Procurement; ICT, Report Writing; Basic Accounting Principles; u Accountability and Good Governance.

**ICT**

Is-sezzjoni tat-Taħriġ tal-Informazzjoni, Komunikazzjoni u Teknoloġija kkordinat taħriġ għall-impjegati tal-gvern kif ippubblikat fil-fuljett tal-Istitut u fuq is-sit elettroniku, kif ukoll organizzat taħriġ għal ICT Support Assistants u ICT Support Officers.

**ICT Stream**

Ġie varat kors ġdid għall-ICT Stream li jinkludi kemm taħriġ għal rekluti ġodda u induction kif ukoll korsijiet biex wieħed jipprogressa fil-karriera. Korsijiet li bdew fl-2019 kienu:

> **ICT Support Assistant Development Programme (Scale 13-11)**
>
> It-taħriġ jinkuldi:
>
> Freedom of Information Workshop; Project Management and Implementation Skills – An Overview; Time and Self-Management, Principles of Financial Management, General Data Protection Regulations, Freedom of Information, Developing a Career Strategy, Inventory Management and Control for Public Officers.
>
> **ICT Support Officers Development Programme (Scale 11-10)**
>
> Inventory Management and Control for Public Officers; Data Protection, Freedom of Information, Time and Self-Management.

Sar ukoll taħriġ varju fil-qasam tal-informatika skont il-ħtieġa li ntweriet minn dipartimenti u entitajiet differenti:

> Pereżempju sar taħriġ fl-ECDL u ECDL Advanced għall-Forzi Armati ta’ Malta, taħriġ għall-evalwaturi tat-tenders lil-Lands Authority, korsijiet fl-Electronic Public Procurement għall-impjegati ta’ Project Malta, korsijiet fil-Health and Safety għall-MSDEC u oħrajn.

**Taħriġ fil-Finanzi**

Matul l-2019 ġew organizzati diversi korsijiet dwar inventarju, accounting u procurement, fosthom il-Continuous Development Award in Public Procurement Regulations. Kien hemm ukoll numru sabiħ ta' parteċipanti li temmew b'suċċess taħriġ akkreditat:

**65 parteċipant** fin-National Public Procurement Regulations
**209 parteċipanti** fil-Foundation Course in Customer Care
u **59 parteċipant** fl-Advanced Course in Customer Care

**Taħriġ ieħor**
Ġie organizzat kors ta' Train the Trainer għal dawk l-uffiċjali li applikaw bħala Occasional Trainer mal-IPS, kif ukoll kors ta' Conflict Resolution.

**Database ġdid**
Kompliet il-ħidma biex titlesta s-sistema ġdida ta' Training Management Software billi saru diversi laqgħat u xogħol ta' preparazzjoni biex tkun finalizzata s-sistema l-ġdida skont il-bżonnijiet tal-IPS u biex tiġi trasferita l-informazzjoni dwar it-taħriġ.

**Ċerimonja ta' Gradwazzjoni**
Is-Sezzjoni tal-Management Development kienet involuta wkoll fl-organizzazzjoni taċ-Ċerimonja ta' Gradwazzjoni li matulha 276 uffiċjal li temmew b'suċċess il-Public Management Toolkit ġew preżentati biċ-Ċertifikat, bħala parti mill-programm għall-Ġimgħa tas-Servizz Pubbliku.

**Inizjattivi oħra**
**Blended Learning / VLE**
Bdiet tiġi esplorata l-possibbiltà li jkun hemm sistema ta' online visual learning fejn materjal interattiv u mhux interattiv jista' jiġi mtella' online għall-benefiċċju edukattiv tal-impjegati. Din is-sistema tiffaċilita wkoll korsijiet li jistgħu jiġu offruti b'format ta' blended learning.

**Ftehim ma' King's College Londra**
Sar ftehim ma' King's College biex jiġu offruti numru ta' online modules f'suġġetti varji lill-uffiċjali pubbliċi.

**Librerija ġdida**

Beda x-xogħol fuq il-librerija l-ġdida. Twaqqgħu xi ħitan u l-post ġie mnaddaf biex isirulu l-interventi meħtieġa.

**Website ġdida**

Fl-2019 bdiet tiġi żviluppata website ġdida biex l-uffiċjali jkunu jistgħu jiġu gwidati aħjar fl-iżvilupp tagħhom tul il-karriera fis-Servizz Pubbliku. Din il-website interattiva se jkollha l-korsijiet li hemm fil-Prospectus iżda b'mod li jiffaċilita l-applikazzjonijiet u anke jinteraġixxi direttament mad-database l-ġdid.

**Blockcerts**

Saru wkoll diskussjonijiet biex iċ-ċertifikati maħruġa mill-IPS ikunu miżmuma fuq pjattaforma ta' Blockchain biex tiffaċilita aħjar l-aċċess mill-utent kif ukoll tkun tista' ssir verifika faċli taċ-ċertifikati.

**Riċerka**

It-taqsima tar-Riċerka fi ħdan l-IPS, li taqa' taħt ir-responsabbiltà tad-Direttur (Taħriġ u Żvilupp), tista' tgħid bdiet topera fl-2019. Kienet involuta f'diversi proġetti ta' riċerka fosthom:

**Skema ta' Trainee – proġett ta' riċerka**

F'din ir-riċerka ġie evalwat in-numru ta' placements offruti lil-ministeri, l-ispejjeż tal-pagamenti tagħhom u l-kwalità tal-iskema mill-perspettiva tas-supervisors u t-trainees. Permezz ta' żewġ kwestjonarji, il-parteċipanti stqarrew fuq diversi punti: fosthom fuq il-motivazzjoni, appoġġ, sodisfazzjon, kundizzjonijiet tax-xogħol, u impressjoni rigward is-Servizz Pubbliku. Din ir-riċerka żvelat aspetti pożittivi ta' din l-iskema flimkien ma' aktar rakkomandazzjonijiet u iktar trainees.

**Family-Friendly Measures - proġett ta' riċerka**

F'din ir-riċerka saret evalwazzjoni fuq l-użu tal-miżuri ewlenin, maqsumin fi tliet gruppi. Dawn jinkludu dawk relatati mat-trobbija tat-tfal, żviluppi personali, u konvenjenza fix-xogħol. Din l-evalwazzjoni saret ukoll bejn il-ġeneru, ministeri, u l-iskali, maqsuma f'ħames gruppi. Din ir-riċerka żvelat ħarsa ġenerali u anke fid-dettall ta' uffiċjali pubbliċi li qegħdin jibbenefikaw minn dawn il-miżuri.

**Riċerka minn studenti**

L-istudenti li bbenefikaw mill-iskema tat-trainees kellhom l-opportunità, wara numru ta' sessjonijiet u gwida mill-IPS, li jagħmlu proġett ta' riċerka fuq suġġett rilevanti max-xogħol jew mad-dipartiment tagħhom. Dawn il-proġetti ġew miġbura mill-IPS biex joħroġ ġurnal u s-sejbiet tal-proġetti jiġu ppreżentati lill-Ministeri kkonċernati.

**Proġett ta' Riċerka – Boroż ta' studju**

Uffiċjali pubbliċi bbenefikaw minn boroż ta' studju differenti offruti mill-IPS. Għalhekk is-sezzjoni tar-riċerka wettqet żewġ riċerki:

- fuq l-eżitu pożittiv tal-fondi tal-ESF għall-uffiċjali sponsorjati; u
- ir-Return on Investment li s-Servizz Pubbliku għandu minn dawn il-boroż.

Peress li l-Gvern huwa organizzazzjoni mhux għall-profitt, ir-ROI kienet ibbażata fuq il-motivazzjoni, ir-riżultat, il-prestazzjoni, l-iżvilupp tal-karriera, u fatturi oħra importanti. Dir-riċerka pprovdiet riżultati pożittivi. Sabet li diversi uffiċjali pubbliċi kibru fil-karriera tagħhom u utilizzaw il-ħiliet fuq il-post tax-xoghol biex itejbu u jżidu l-effiċjenzja fis-sezzjoni tagħhom, il-motivazzjoni żdiedet għal livell ogħla filwaqt li wkoll tjiebet il-perċezzjoni ta' dawk l-impjegati.

**Student Outreach Programme**

Fl-2019, IPS nieda l-iStudent Outreach Programme. Dan il-programm se jgħin lill-istudenti mil-livelli MQF 3 sa 7 billi jipprovdi esperjenza ta' xogħol għall-istudenti sabiex jiksbu l-ħiliet u l-kompetenza meħtieġa u forsi jħajjarhom jikkunsidraw karriera fis-Servizz. F'dan il-programm hemm żewg skemi li huma:

- Skema ta' Apprentisti – iffukata għal studenti ta' MQF level 3,4 jew 5
    a. Statistika: Bħalissa hemm mal-100 apprentist jaħdmu fis-Servizz Pubbliku.
- Skema ta' Trainee – iffukata għal studenti ta' MQF level 6 jew 7.
    a. Statistika: Bħalissa hemm mal-250 trainee jaħdmu fis-Servizz Pubbliku.

**Boroż ta' studju**

Fis-sena 2019 l-IPS ħareg dawn il-boroż ta' studju

- Customer Care (Level 5)
- Award in People Management and Industrial Relations for employees of the Public Service and Public Sector (Level 6)
- BA Procurement and Finance (MQF level 6)
- MBA Public Management (MQF level 7)
- Assistejna fl-amministrazzjoni mal-Ministeru għall-Finanzi għall-MA Taxation (Level 7)

**Id-Direttorat Resourcing & Compliance**

**Diġitalizzazzjoni tal-proċess tal-għażla**

Matul l-2019, dan id-Direttorat ikkollabora mad-Direttorat tar-Research & Personnel Systems (RPS) fuq il-fażijiet li jmiss, jiġifieri l-awtomazzjoni sħiħa tal-proċess tal-għażla. Id-diġitalizzazzjoni tal-proċess tal-għażla fis-Servizz Pubbliku sal-istadju tal-approvazzjoni tal-ħruġ ta' sejħiet għall-applikazzjonijiet (fażi 1) tlestiet. Dan ifisser li issa l-abbozzar u s-sottomissjoni min-naħa tad-Dipartimenti, l-approvazzjoni min-naħa tad-Diviżjoni ta' Nies u Standards u l-pubblikazzjoni ta' sejħiet għall-applikazzjonijiet qegħdin isiru permezz tal-Portal tar-Reklutaġġ.

Ukoll matul din is-sena, komplew il-laqgħat bejn iż-żewġ Direttorati fuq bażi regolari biex jiġu diskussi u indirizzati kwistjonijiet li joħorġu mid-diġitalizzazzjoni tal-proċess tal-għażla fis-Servizz Pubbliku (fażi 2), li hija skedata għall-2020. Meta titlesta t-tieni fażi, ikun possibbli li appuntamenti u skedar ta' intervisti, mili ta' rapporti mill-Bordijiet tal-Għażla, pubblikazzjoni ta' riżultati u ħrug ta' ittri tal-ħatra jsiru kollha permezz tal-Portal.

**Osservanza u governanza tajba fl-Amministrazzjoni Pubblika**

Il-programm ta' monitoraġġ u verifika tal-funzjonijiet delegati tar-Riżorsi Umani kompla jiġi intensifikat u konsolidat, b'kollaborazzjoni mad-Direttorat tal-RPS, id-Direttorat tal-People Support and Wellbeing (PSW) u l-Unit tar-Relazzjonijiet Industrijali (IRU). Dan il-programm estensiv jaħseb sabiex iwassal għal governanza tajba fl-oqsma ta' konformità fl-allokazzjoni ta' għadd ta' impjegati li ġejjin minn barra l-Amministrazzjoni Pubblika, salarji u allowances imħallsa, strutturi approvati, regolamenti li joħorġu minn Direttivi 7, 8.1, 9, 10.1 u 12, mill-Public Service Management Code u mir-Regolamenti tad-Dixxiplina fil-każ tas-Servizz Pubbliku, kif ukoll mill-ftehim kollettiv/settorjali, skont kif applikabbli, ta' kull settur rispettiv.

Matul l-2019 saru disa' (9) Compliance Assessments, fejn saru eżerċizzji ta' monitoraġġ u awditjar fir-rigward tal-proċessi delegati fis-Servizz Pubbliku, li jinkludu:

- Għoti ta' status indefinit f'termini tal-S. L.452.81 u ċ-Ċirkolari OPM Nru. 4 u Nru. 5 tal-2017;
- Promozzjonijiet u/jew progressjonijiet wara numru ta' snin ta' servizz sodisfaċenti f'termini ta' Klassifikazzjoni/Ftehim Settorjali;
- Trasferimenti maħruġa mill-OPM li ma jaqgħux taħt l-awtorità delegata permezz taċ-Ċirkolari OPM No.29/2016;
- Approvazzjoni għal Detailing/Secondment; u

- Ħruġ ta' sejħiet għal applikazzjonijiet.

F'kull każ ġie verifikat il-proċess sabiex ikun żgurat li hemm id-dokumentazzjoni kollha meħtieġa u jiġi determinat jekk din ġietx approvata mill-awtorità kompetenti. F'każ ta' nuqqasijiet identifikati, il-Ministeri u d-Dipartimenti ġew mgħarrfa u kienu mitluba jieħdu miżuri korrettivi sabiex is-sitwazzjoni tiġi rettifikata fi żmien stipulat. Għall-iskop ta' konformità, ġie żgurat li l-personal files b'irregolaritajiet simili jiġu verifikati u regolarizzati bl-istess mod.

Il-proċess adottat sabiex tiġi verifikata l-osservanza fil-qasam tal-approvazzjonijiet u ħlasijiet tal-allowances fi ħdan is-Servizz Pubbliku jibda billi jittieħed kampjun mil-lista tal-allowances meħuda mis-sistema tal-payroll. Il-Ministeru konċernat ikun avżat bid-data ta' meta ser jitwettaq l-HR Compliance Assessment sabiex jipprovdi l-personal files ikkonċernati. Fost l-irregolaritajiet li nstabu, kien hemm allowances li tħallsu u li ma kinux dovuti u għaldaqstant id-Dipartiment rispettiv ġie mitlub sabiex jinforma lill-uffiċjali pubbliċi li jirċevew ħlas mhux dovut lilhom sabiex jirrifondu l-ħlas żejjed hekk kif mitlub fir-Refund Policy li qiegħda fis-seħħ.

Rigward l-HR Compliance Assessments fil-qasam tas-settur pubbliku, il-proċess applikat huwa li l-entità konċernata tiġi mitluba tipprovdi l-payrolls tal-ħaddiema kollha tagħha. Dan id-Direttorat jivverifika jekk il-paga bażika u l-allowances tal-impjegati humiex skont dawk stabbiliti fil-Ftehim Kollettiv kif ukoll dawk stabbiliti fid-Direttiva 7 (Salary and Grading Structure). Fejn instabu ħaddiema ta' entitajiet pubbliċi li qed jirċievu ħlasijiet mhux dovuti lilhom, il-Kap Eżekittiv tal-entità ntalab sabiex iwaqqaf minnufih u jinġabru l-ħlasijiet żejda.

Saru wkoll Compliance Assessments fuq każijiet ta' dixxiplina kif ukoll każijiet kriminali ta' uffiċjali pubbliċi, sabiex jiġi żgurat li l-proċeduri tar-Regolamenti tad-Dixxiplina tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku qed jiġu osservati. Matul is-sena 2019 ġew analizzati mal-35 każ ta' dixxiplina u 38 każ kriminali.

**L-impatt tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea fuq ir-reklutaġġ mas-Servizz Pubbliku**

B'konsultazzjoni mal-Identity Malta Agency (IMA) u l-Uffiċċju tal-Avukat tal-Istat, sar abbozz ta' avviż legali li jemenda r-Regolamenti dwar Rekwiżiti ta' Nazzjonalità għall-Ħatriet fl-Amministrazzjoni Pubblika (Leġiżlazzjoni Sussidjarja 595.03). Dan l-avviż legali jaħseb biex persuni li huma ċittadini tar-Renju Unit u l-membri tal-familja tagħhom igawdu d-dritt għall-aċċess għall-impjieg mas-Servizz Pubbliku ta' Malta, basta dawn ikollhom id-Dokument ta' Residenza rikjest maħruġ skont Avviż Legali 18 tal-2020.

**Sejħiet u Eżerċizzji Ċentrali**

Is-Sezzjoni tal-People Management u Planning tad-Direttorat ħarġet u pproċessat sejħiet għal applikazzjonijiet għal postijiet/pożizzjonijiet ta' Information and Communications Technology (ICT) Officer, ICT Support Officer, ICT Support Assistant, EU Fund Manager u EU Fund Officer; qassmet, fi ħdan diversi ministeri, 4 EU Fund Managers, 4 EU Fund Officers, 12-il Assistent Maniġer/Trainee Assistent Manager (Records), 5 ICT Support Officers u 19-il ICT Support Assistant; u ħarġet ħatra ta' Uffiċjal Eżekuttiv.

**Tisħiħ ta' politiki u proċeduri**

Bil-għan li tkompli tittejjeb it-tmexxija, kif ukoll biex jibbenefikaw l-uffiċjali pubbliċi, numru ta' policies u proċeduri ġew imsaħħa u rfinuti.

# Id-Diviżjoni tas-Support Services

**Introduzzjoni**

Matul l-2019 id-Diviżjoni tas-Support Services fi ħdan l-Uffiċċju tal-Prim Ministru kompliet tagħti pariri u sostenn lis-Segretarju Permanenti Ewlieni f'oqsma relatati mal-Amministrazzjoni Pubblika.

Id-Diviżjoni hija magħmula minn dawn id-Dipartimenti u Direttorati:

- Id-Direttorat tal-Finanzi u l-Amministrazzjoni
- Id-Direttorat għall-Iżvilupp tal-Politika u Implimentazzjoni tal-Programmi
- Id-Dipartiment tal-Informazzjoni
- L-Istamperija tal-Gvern

**Delega ta' Awtorità**

Id-Diviżjoni għandha d-delega ta' awtorità f'oqsma u responsabbiltajiet varji li l-maġġoranza tagħhom jirreferu għall-funzjonijiet li jaqgħu taħt il-manwali tal-Public Service Management Code. Dawn ir-responsabbiltajiet jinkludu dawk marbuta mal-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja.

**Estimi annwali u ġbir ta' arretrati**

Matul din is-sena d-Diviżjoni kellha l-inkarigu li tieħu ħsieb li jsiru l-Business and Financial Plans annwali kif ukoll li jiġu kkonsolidati f'dokument wieħed u jiġu ppreżentati lill-Ministeru għall-Finanzi.

**Il-Kumitat tal-Kuntratti Dipartimentali**

Il-Kumitat tal-Kuntratti Dipartimentali kompla jiltaqa' fuq bażi regolari matul l-2019. Il-Kumitat kellu rwoli importanti, fosthom biex jiżgura li r-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitati ta' Evalwazzjoni saru skont ir-regoli tax-xiri pubbliku.

## Id-Dipartiment tal-Informazzjoni

**Relazzjonijiet mal-Midja**

Fl-2019 id-Dipartiment kompla bil-ħidma tiegħu sabiex joffri għajnuna u appoġġ lill-midja kull meta ntalab. Fl-2019 inħarġu 2,716-il stqarrija (b'ritratti rilevanti skont il-każ u marbutin mal-kontenut tal-istqarrija) f'isem id-diversi ministeri, segretarjati parlamentari, dipartimenti u entitajiet oħra tal-Gvern. Id-Dipartiment ipproċessa wkoll 414-il access card, 118-il card temporanja u għat-tekniki, jiġifieri total ta' 532. Ta' min jgħid li l-access cards li joħroġ id-Dipartiment huma biss mezz ta' identifikazzjoni biex dak li jkun jidentifika ruħu għal avvenimenti governattivi biss. Jinħarġu dment li jkunu approvati mill-editur tal-organizzazzjoni tal-midja involuta. Id-Dipartiment ma jiddeċidix hu min huwa ġurnalista iżda jiġi infurmat dwar dan mill-editur tal-organizzazzjoni tal-midja involuta. Il-proċess tal-ħruġ tal-access card isir kollu online. Matul l-2019 il-midja lokali ngħataw appoġġ sabiex ikunu jistgħu jaqdu dmirhom aħjar waqt żjarat statali u uffiċjali li saru minn mexxejja barranin f'Malta kif ukoll biex jirrapportaw, flimkien ma' għexieren ta' midja barranin, il-laqgħa tal-mexxejja tal-pajjiżi tan-naħa t'isfel tal-Unjoni Ewropea, il-laqgħa ministerjali dwar il-migrazzjoni tal-Unjoni Ewropea u l-laqgħa ministerjali tal-5+5.

**Il-Midja Soċjali**

Il-profil tal-Facebook tad-DOI matul l-2019 kompla jiġi kkonsolidat u msaħħaħ, tant li l-likes żdiedu b'aktar minn 1,448 oħra fuq is-sena ta' qabel u għandu kważi 61,000 follower. Il-paġna kellha medja ta' 14,297 żjara kuljum, bl-ogħla waħda tkun nhar l-4 ta' April b'149,814-il impression. Il-paġna tal-Facebook qed tkompli tkun aġġornata b'tagħrif u ritratti utli u interessanti filwaqt li qed tinbidel fi pjattaforma fejn il-pubbliku jibgħat mistoqsijiet għal tagħrif fuq diversi servizzi li jingħataw mill-Gvern u entitajiet pubbliċi oħra. It-tweġibiet mid-Dipartiment jingħataw fil-pront: kellha response rate ta' mija fil-mija, b'risposti għall-mistoqsijiet jingħataw fi ftit minuti biss, u l-paġna rnexxielha tikseb il-very responsive badge. Id-Dipartiment kien involut fl-istudju Twiplomacy li ra kif mexxejja ta' gvernijiet jużaw il-Facebook. F'dan l-istudju l-paġna tal-Facebook tad-Dipartiment tqieset bħala fost

l-ogħla fil-kategorija "very responsive" tant li d-Dipartiment intalab jikteb dwar l-istrateġija tiegħu f'dan il-qasam u kif jikkomunika mal-udjenza tiegħu.

Matul l-2019 il-paġna tal-Facebook ma baqgħetx marbuta mat-Twitter tad-Dipartiment u dan wassal biex it-tweets u r-retweets bdew jinħarġu separatament. Fl-2019 l-abbonati fuq it-Twitter tad-DOI żdiedu bi kważi 600 u laħħqu aktar minn 8,300.

Id-Dipartiment huwa wkoll il-punt ta' riferiment tal-Uffiċċju tal-Prim Ministru fil-proġett tas-Single Digital Gateway – li skont regolament tal-Unjoni Ewropea trid tkun fost l-oħrajn il-pjattaforma diġitali għal spettru sħiħ ta' kuntatti u servizzi offruti mid-dipartimenti tal-gvern. Is-Single Digital Gateway se tieħu post il-pjattaforma Your Europe li kienet f'idejn dan id-Dipartiment.

**Servizz ta' Informazzjoni**

Fl-2019 is-servizz ta' informazzjoni tad-Dipartiment tal-Informazzjoni waslulu kważi 5,000 telefonata u 3,500 ittra elettronika b'mistoqsijiet varji. Uffiċjali tal-Informazzjoni kellhom mal-2,800 persuna li ġew fiżikament id-Dipartiment sabiex jiksbu xi forma ta' tagħrif. Minbarra dan, is-servizz ta' informazzjoni ħa ħsieb ukoll jaqdi 312-il mistoqsija li daħlu fuq il-Facebook tad-DOI. Is-servizz ħadem ukoll mill-qrib ma' servizz.gov li huwa s-sies tal-informazzjoni li tingħata liċ-ċittadini mill-amministrazzjoni pubblika.

**Il-portal gov.mt**

Matul l-2019, il-portal gov.mt kompla jiġi aġġornat regolarment b'varjetà ta' servizzi, fosthom stqarrijiet, ritratti, il-Gazzetta tal-Gvern, avviżi u opportunitajiet ta' impjieg.

Id-Dipartiment kompla wkoll jinkludi metadata fl-avviżi tal-Awtorità tal-Ippjanar ta' bejn l-1992 u llum. Kompla l-proċess ta' aġġornament teknoloġiku fil-qafas tal-pjattaforma tal-portal il-ġdid. Iddaħħlet il-funzjonalità tal-RSS; il-lista tal-kelliema tal-Gvern; il-module tal-opportunitajiet ta' impjieg fl-Unjoni Ewropea; u anke l-lista u klassifika tal-aġenziji u bordijiet tal-gvern.

**L-Intranet tal-Gvern**

Id-Dipartiment kompla jopera l-intranet biex jgħaddi lill-ħaddiema tas-Servizz Pubbliku ċirkularijiet uffiċjali, aħbarijiet u avvenimenti li joħorġu minn żmien għal żmien. Dan is-servizz jiġi mħaddem kuljum filwaqt li kull nhar ta' Ġimgħa jkun hemm servizz apposta li bih l-impjegati jintbagħtulhom l-aħħar opportunitajiet ta' xogħol u ta' avvanz fil-karriera fis-Servizz.

**Single Digital Gateway/Your Europe**

L-implimentazzjoni tar-regolament tal-UE tas-Single Digital Gateway qed tkun kordinata fuq livell nazzjonali mill-Ministeru għall-Ekonomija, Investiment u Negozji Żgħar. Billi l-pjattaforma Your Europe qed tintuża fl-implimentazzjoni tal-SDG u d-Dipartiment tal-Informazzjoni matul l-aħħar snin kien qed jipprovdi informazzjoni fuq livell nazzjonali lill-portal Your Europe, id-Dipartiment għen lill-Ministeru f'din it-tranżizzjoni. Ir-rwol il-ġdid tad-Dipartiment issa sar bħala l-punt ta' riferiment għall-UPM. Is-Single Digital Gateway trid tibda topera fl-aħħar tas-sena 2020. L-għan tagħha huwa li toffri aċċess online aktar malajr għal informazzjoni, proċeduri amministrattivi u servizzi ta' assistenza lil ċittadini u negozji biex dawn joperaw f'pajjiżi oħra tal-Unjoni Ewropea.

**Fotografija**

Is-sezzjoni tal-fotografija fl-2019 kienet impenjata fuq 2,120 avveniment uffiċjali lokali f'Malta. Minbarra servizzi fotografiċi fil-pront lill-midja f'jiem nazzjonali bħal Jum ir-Repubblika, l-Indipendenza u Jum il-Vittorja, kienet ukoll impenjata f'aktar minn ħamsa u għoxrin żjara barra minn Malta li saru mill-President u l-Prim Ministru. Matul l-2019 ukoll it-taqsima tal-fotografija ġiet assenjata biex tkopri ħames żjarat statali/uffiċjali tal-Kapijiet ta' Stat barranin kif ukoll tliet konferenzi internazzjonali ewlenin. Innovazzjoni kienet l-użu ta' drone li d-Dipartiment xtara biex jagħti perspettivi ġodda fil-qasam tal-fotografija kif ukoll ġbid ta' filmati qosra bil-cameras tar-ritratti. Invarjabbilment il-filmati ntużaw fuq il-Facebook tad-Dipartiment fejn ittellgħu wkoll minidokumentarji bil-produzzjoni tkun esklużivament tad-dipartiment. Ma naqsitx lanqas il-ħidma biex ritratti antiki fuq il-pellikola jinqalbu fuq format diġitali. Servizzi fotografiċi oħra offruti jinkludu għall-midja soċjali tad-dipartiment u pubblikazzjonijiet ta' dipartimenti tal-gvern.

**It-Taqsima Pubblikazzjonijiet**

L-2019 kienet sena oħra impenjattiva għat-Taqsima Pubblikazzjonijiet, li ħadet ħsieb li toħroġ 209 edizzjonijiet tal-Gazzetta tal-Gvern, b'total ta' aktar minn 26,000 paġna. B'seħħ minn Mejju tal-2019 ġew riveduti l-ħlasijiet għall-pubblikazzjoni tal-avviżi fuq il-Gazzetta tal-Gvern. Il-ħlasijiet kienu ilhom ma jiġu riveduti għal għexieren ta' snin. Ta' kull ġimgħa din it-taqsima hija inkarigata li toħroġ mill-anqas tliet edizzjonijiet, b'waħda minnhom tkun dedikata għall-avviżi tal-Awtorità tal-Ippjanar (edizzjoni li toħroġ kull nhar t'Erbgħa). Edizzjonijiet oħra kienu dedikati esklużivament għall-Qrati tal-Ġustizzja; l-Awtorità tal-Artijiet; avviżi mill-Kummissjoni Elettorali marbuta mal-proċess elettorali kif ukoll xogħlijiet ta' pubblikazzjonijiet nazzjonali. It-taqsima toffri wkoll servizzi ta' qari tal-provi bil-Malti.

**L-Arkivji u l-Librerija**

L-arkivji tad-Dipartiment komplew jaqdu lid-diversi ministeri, dipartimenti, entitajiet pubbliċi u privati kif ukoll lill-pubbliku fit-talbiet li jsiru għal ritratti li hemm fl-arkivji tad-DOI. It-taqsima kompliet bil-proċess galbat tagħha biex tagħmel f'format diġitali r-ritratti li hemm fuq il-pellikola u matul is-sajf id-Dipartiment kellu erba' studenti universitarji li għenu f'dan il-proċess. Matul l-2019 madwar nofs il-pellikoli bil-filmati ntbagħtu l-Olanda sabiex jiġu maqluba f'format diġitali. Dan huwa proġett iffinanzjat mill-Unjoni Ewropea u mħaddem mill-PBS Ltd. It-taqsima kompliet ukoll tipprovdi recordings tal-aħbarijiet tat-tliet stazzjonijiet ewlenin tat-televiżjoni lill-klijenti interni tas-Servizz Pubbliku.

**Ir-Reġistru tal-Istampa**

Matul l-2019 kien hemm żewġ reġistrazzjonijiet ta' pubblikazzjonijiet ġodda li waslu għand ir-Reġistratur filwaqt li saru għaxar emendi. Inħarġu erba' ċertifikati b'rabta ma' konfermi ta' min kienu l-edituri f'każijiet ta' libelli quddiem il-Qrati Maltin. B'kollox inħarġu 26 dritt ta' tweġiba f'isem id-diversi ministeri u dipartimenti tal-gvern. B'mod interessanti, għalkemm mhumiex legalment obbligati, kien hemm diversi portali online li rreġistraw ruħhom.

**Inizjattivi oħra**

Matul l-2019 id-Dipartiment kompla jaħdem fuq kampanja aggressiva sabiex l-arretrati dovuti jinġabru mingħand min kellu jagħti flus lid-dipartiment. Fil-fatt dawn inġabru sal-anqas ċenteżmu. Din l-istrateġija rriflettiet ruħha f'żieda fid-dħul ta' 62.5% meta mqabbla mal-2018. Mill-flus allokati fil-baġit, id-dipartiment utilizza kważi 86% tal-allokazzjoni finanzjarja tiegħu – kważi fuq l-istess binarju tal-2018. Dan jirrifletti kemm id-dipartiment jagħti importanza qawwija biex iħares il-governanza tajba.

Matul l-2019 ukoll ingħatat spinta 'l quddiem biex l-ambjent fiżiku tal-uffiċini jingħata libsa moderna u aktar xierqa għall-ħaddiema. Din kienet l-ewwel darba mindu saret il-binja fl-1994 li qatt ingħatat attenzjoni partikolari biex l-ambjent tax-xogħol jinbidel mill-qiegħ.

Id-Dipartiment kompla wkoll josserva sew ir-regolamentazzjoni dwar il-GDPR u ttieħdu miżuri sabiex ikun konformi ma' dawn ir-regolamenti kemm fuq il-portal il-ġdid tal-gov.mt u anke fuq id-data miġbura mid-dipartiment għal raġunijiet amministrattivi. Kompliet tiġi implimentata wkoll policy tad-Dipartiment dwar kemm għandha tinżamm id-data miġbura mid-Dipartiment.

## Id-Direttorat tal-Finanzi u Amministrazzjoni

Matul l-2019 id-Direttorat tal-Finanzi u Amministrazzjoni kompla bil-ħidma tiegħu fis-sostenn tas-servizzi korporattivi tad-diversi Uffiċċji, dipartimenti, diviżjonijiet, direttorati u entitajiet li jaqgħu fid-dekasteru tal-Uffiċċju tal-Prim Ministru. Dan wettqu permezz ta' tliet fergħat kif spjegat hawn taħt.

**Il-Fergħa tar-Riżorsi Umani**

Din il-Fergħa hija l-punt ta' referenza ewlieni fir-Riżorsi Umani fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru. Il-Fergħa tagħti assistenza regolari u sapport intern u estern lil kull min jeħtieġ għajnuna fejn jidħlu issues ta' riżorsi umani u ta' payroll. F'dan l-ambitu l-fergħa tar-riżorsi umani tagħti s-sostenn meħtieġ biex id-dipartimenti, diviżjonijiet u entitajiet fi ħdan l-Uffiċċju tal-Prim Ministru jkunu jistgħu joperaw kif meħtieġ. Fl-istess ħin, it-taqsima tassigura li liġijiet, direttivi, policies u proċeduri li jirrigwardaw ir-riżorsi umani fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru jkunu mħarsa.

Bħas-snin preċedenti, il-fergħa tar-Riżorsi Umani kienet impenjata li x-xogħol jibqa' jiġi pproċessat fil-ħin waqt li jkun hemm attenzjoni biex talbiet u drittijiet tal-impjegati jiġu trattati u deċiżi fil-ħin. Kull sena din it-taqsima tipproċessa ammont konsiderevoli ta' rikjesti tal-Family Friendly Measures u Work-life Balance.

It-taqsima tieħu ħsieb twettaq u tikkordina d-diversi proċeduri ta' matul il-proċess tar-reklutaġġ u ħatriet, kemm qabel toħroġ is-sejħa għall-applikazzjoni, li jinkludi wkoll il-kitba tas-sejħa, kif ukoll wara li jitlesta l-proċess tal-għażla sal-ħatra tal-persuni magħżula permezz tal-ħruġ tal-ittra tal-ħatra u l-bidu tal-impjieg.

Bħas-snin preċedenti, iż-żamma tar-rekords, li hija funzjoni importanti fit-taqsima, kompliet tiġi mwettqa. Iż-żamma tar-rekords tinkludi monitoraġġ u verifika kontinwa tar-rekords. Din il-fergħa kkompilat rapporti mitluba mid-dipartimenti ċentrali tar-Riżorsi Umani fis-Servizz Pubbliku. Ġew ukoll ipproċessati r-rapporti mitluba mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika.

L-amministrazzjoni tal-payroll ta' impjegati li jitħallsu mill-vot numru 5 hija wkoll parti mix-xogħol tat-taqsima. Tali xogħol jinkludi l-aġġustamenti neċessarji fis-salarji minn paga għal oħra. Bħas-snin preċedenti, din it-taqsima ħadet ħsieb li żżomm l-eżerċizzju ta' verifika tal-impjegati li kellha fuq il-payroll.

**Il-Fergħa tal-Finanzi**

Il-Fergħa tal-Finanzi hi responsabbli mill-amministrazzjoni ta' fondi pprovduti lill-Uffiċċju tal-Prim Ministru taħt il-voti relatati ma' dħul rikorrenti u kapitali, xiri u vvjaġġar uffiċjali. Il-fondi kienu allokati taħt disa' cost centres, numru ta' programmi u inizjattivi u kontribuzzjonijiet lill-entitajiet tal-Gvern.

Matul l-2019 il-Fergħa tal-Finanzi ħadmet ammont ta' commitments għal xiri u servizzi meħtieġa minn diversi dipartimenti u advances għal safar uffiċjali.

Il-Fergħa spiss intalbet tiġbor tagħrif biex ikunu mwieġba għadd ta' mistoqsijiet parlamentari. Xogħol ieħor li ġie mwettaq mis-Sezzjoni tal-Finanzi fl-2019 jinkludi Revised Reports ta' kull xahar tal-Voti ta' Dħul Rikorrenti u Kapitali lill-Uffiċċju tal-Baġit; preparazzjoni tal-Accrual Accounting kull tliet xhur għat-Teżor; ipproċessar ta' fondi Ewropej li jkunu dovuti lejn il-Gvern; rapporti finanzjarji li jintalbu minn żmien għal ieħor mill-Ministeru għall-Finanzi u mit-Teżor; u pproċessar ta' pagamenti permezz ta' schedules minn u lejn dipartimenti oħra.

Matul l-2019, din il-Fergħa bdiet it-taħriġ biex eventwalment tkun tista' tadotta s-sistema ġdida ta' accounts li qiegħda tiġi introdotta mit-Teżor mas-Servizz Pubbliku.

**Il-Fergħa tas-Sapport Loġistiku**

Il-Fergħa tas-Sapport Loġistiku għandha diversi responsabbiltajiet, fosthom il-manutenzjoni tal-binjiet li jiffurmaw parti mid-dekasteru tal-Uffiċċju tal-Prim Ministru, is-saħħa u s-sigurtà, it-trasport, kif ukoll tagħti l-għajnuna meħtieġa sabiex jiġu organizzati numru ta' attivitajiet fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru, bħall-ftuħ tal-Berġa għall-pubbliku waqt in-Notte Bianca.

Matul l-2019, il-Fergħa bidlet erba' karozzi qodma għall-użu ġenerali tal-Uffiċċju ma' oħrajn hybrid wara l-ħruġ ta' tender.

Il-Fergħa għandha wkoll fi ħdanha r-Registry, li hu responsabbli mill-amministrazzjoni tal-fajls, li tinkludi ftuħ ta' fajls ġodda, ċaqliq ta' fajls, reġistrazzjoni tal-ittri, tqassim ta' ċirkolarijiet u direttivi, tqassim tal-mistoqsijiet parlamentari li jsiru lil dan l-Uffiċċju u t-tqassim tal-posta, fost oħrajn.

Matul is-sena 2019, saru diversi taħditiet mal-MITA sabiex jiġi varat id-DOCREG Web, li jikkonsisti fl-aħħar verżjoni ta' rekordjar diġitali ta' fajls. It-taħditiet se jkomplu matul l-2020, fejn ir-Registry qed ikompli jagħti s-sostenn meħtieġ sabiex jintlaħqu l-miri neċessarji.

# L-Istamperija tal-Gvern

L-Istamperija tal-Gvern baqgħet miexja ’l quddiem fis-sena 2019 f’kull aspett tal-operat tagħha. Investiment fil-makkinarju, titjib fl-infrastruttura u żieda fir-riżorsi umani kollha kkontribwew għar-riżultati pożittivi li din kisbet.

**Operat**

L-istampar ta’ pubblikazzjonijiet tradizzjonali baqa’ jsir fl-2019. Il-figuri hawn taħt juru l-pubblikazzjonijet varji li seħħew fl-2019.

| | Sal-aħħar ta’ Diċembru 2019 |
|---|---|
| Gazzetta tal-Gvern | 211 |
| Atti | 33 |
| Avviżi Legali | 356 |
| Abbozzi | 37 |
| Bye Laws | 11 |

Fis-sena 2019 ġew ippubblikati diversi Reġistri Elettorali kemm għall-Elezzjoni Ġenerali, għall-Elezzjoni tal-Kunsilli Lokali, kif ukoll għall-Elezzjoni tal-Parlament Ewropew.

Hemm ukoll il-pubblikazzjonijiet li għandhom x’jaqsmu mal-Baġit Annwali li kollha ġew ippubblikati fil-ħin.

**Investiment fil-makkinarju**

Fis-sena 2019 sar investiment marġinali fil-makkinarju. Kienu saru pjanijiet għax-xiri ta’ Foiling Machine fis-sena 2018, bl-installazzjoni ta’ din il-magna ssir fl-2019. Dan kompla jtejjeb l-opportunitajiet għal servizzi ġodda bħall-corporate printing. Dan kompla jsaħħaħ l-Istamperija tal-Gvern.

L-Istamperjia tal-Gvern investiet f’Cutting Plotter f’din is-sena wkoll. L-għan tax-xiri ta’ din il-magna huwa biex jissaħħaħ is-servizz li tipprovdi l-Istamperija fil-car wrapping. Ġie diskuss fil-tul it-twaqqif ta’ Management Information System fis-sena 2019. Din is-sistema għandha tibda titħaddem sa nofs is-sena 2020. Din is-sistema ser tgħin ħafna fl-operat tal-Istamperija tal-Gvern fejn il-proċess tal-ordnijiet għandu jitmexxa b’aktar effiċjenza.

Il-Management Information System ser jaqdi dawn il-funzjonijet:
Online Print Shop
Estimating and Submission of Order
Job ticketing, Order Tracking and Use of Bar Code Reader
Inventory Management
Reporting and Dashboarding

Sar ftehim bejn il-Ministeru għall-Finanzi, il-Kummissarju tat-Taxxa u l-Istamperija tal-Gvern fejn l-istampar kollu tal-kotba tal-VAT u kull formola oħra għandu jsir f'din l-Istamperija. B'riżultat ta' dan, inxtara makkinarju ġdid kif ukoll software relatat ma' dan il-ftehim. Ix-xiri ta' din l-għodda huwa r-riżultat ta' domanda dejjem tikber għall-produzzjoni ta' variable data.

Fost oħrajn, l-użu tal-variable data qed isir għall-Kummissjoni Elettorali, għad-Dipartiment tal-Edukazzjoni kif ukoll għad-Dipartiment tal-VAT. Barra minn hekk, dan il-makkinarju ser ikollu l-faċilità li jdaħħal awtomatikament materjal stampat ġo envelopes individwali biex b'hekk il-proċess isir aktar effiċjenti u b'inqas żbalji.

Ix-xiri ta' dan il-makkinarju ser ikollu benefiċċji kbar, fejn prinċipalment ser iżid l-ammont ta' stampar li tista' tagħmel l-Istamperija tal-Gvern. Dan iwassal għal żieda fil-qligħ. Dan iwassal ukoll biex l-Istamperija tkun tista' tistampa l-VAT Returns, Formoli tal-Ekokontribuzzjoni, Returns tad-Dħul tat-Taxxa, Irċevuti Fiskali tal-VAT kif ukoll formolarju ieħor tal-Kummissarju tad-Dħul.

**Żieda fir-riżorsi umani**

Fis-sena 2019 ġiet ingaġġata Procurement Manager mal-Istamperija tal-Gvern. Dan hu ta' benefiċċju minħabba li x-xiri qiegħed jiżdied kull sena, kif ukoll in-numru ta' tenders li qegħdin jiġu ppubblikati dejjem qed jiżdied.

Barra minn hekk ġew impjegati żewġ stampaturi biex ingħaqdu mal-grupp eżistenti ta' stampaturi bl-għan li nkomplu nżidu l-effiċjenza u l-kapaċità tal-Istamperija.

L-Istamperija tal-Gvern tat taħriġ lill-impjegati kollha fis-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol, kif ukoll korsijiet oħra bħal fire fighting, first aid u kors tad-design lill-impjegati fis-setturi relattivi tagħhom. Minħabba li tingħata importanza qawwija lit-taħriġ tal-impjegati tagħna, qed isiru diskussjonijiet kemm mal-IPS kif ukoll mal-MCAST biex jiġu mħejjijin programmi speċjalizzati għall-ħaddiema tekniċi tal-Istamperija. L-għan ta' dan it-taħriġ huwa prinċipalment biex iseħħ proċess ta' tiġdid fl-għarfien tal-stampar, kif ukoll biex jgħin impjegati eżistenti jitgħallmu fuq metodoloġiji ġodda

u dawk li għadhom qed jiżviluppaw. Dan it-taħriġ għandu jgħin kemm ħaddiema tas-sengħa kif ukoll ħaddiema fi gradi amministrattivi.

**Ċertifikat tal-FSC**

Għall-ewwel darba fl-istorja tal-Istamperija tal-Gvern, fl-2019 inkiseb iċ-ċertifikat mill-Forestry Stewardship Council (FSC). Il-Forestry Stewardship Council hija organizzazzjoni internazzjonali nongovernattiva li tippromovi l-immaniġġjar xieraq tal-ambjent, il-benefiċċju soċjali miksub minnu kif ukoll il-vijabbiltà ekonomika tal-foresti tad-dinja.

**Elezzjonijiet**

Għall-ewwel darba f'Mejju tal-2019 saru l-elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali kif ukoll tal-membri tal-Parlament Ewropew f'daqqa għal Malta kollha. Saru diversi laqgħat bi preparazzjoni għal dan, fosthom mal-Kummissjoni Elettorali. Saret ukoll Mock Election fejn il-proċess il-ġdid ta' Voting Scanning ġie mħaddem biex għall-elezzjoni proprja jiġu antiċipati l-problemi li jistgħu jinqalgħu.

L-Istamperija tal-Gvern kienet strumentali fl-għajnuna li tat lill-Kummissjoni Elettorali fid-disinn il-ġdid tal-ballot paper u tad-dokument tal-vot li jkunu konformi mal-ħtiġiet rikjesti fil-proċess tal-iscanning u mas-sigurtà meħtieġa.

Barra minn hekk, għall-ewwel darba wkoll fl-istorja tal-elezzjonijet ta' Malta, id-dokumenti tal-vot inħadmu fl-Istamperjia tal-Gvern. Apparti mill-karatteristiċi ta' sigurtà li kienu jinħtieġu dawn id-dokumenti, għall-ewwel darba r-ritratt tal-votant ġie stampat bil-kulur.

Saru testijiet estensivi biex jiġi stabbilit il-kulur l-aktar addattat għall-istampar fuq il-karta tal-vot għal kull partit politiku.

## Id-Direttorat għall-Iżvilupp tal-Politika u Implimentazzjoni tal-Programmi (PDPI)

**Introduzzjoni**

Matul l-2019, id-Direttorat għall-Iżvilupp tal-Politika u l-Implimentazzjoni tal-Programmi kien responsabbli għall-iżvilupp tal-politika b'konnessjoni mal-oqsma li jaqgħu taħt il-kompetenza tal-Uffiċċju tal-Prim Ministru (UPM), l-Affarijiet tal-Unjoni Ewropea (UE) u proġetti kofinanzjati mill-UE għall-perjodu 2014-2020.

L-attivitajiet ewlenin għat-tliet oqsma ġestiti minn dan id-Direttorat huma dawn li ġejjin:

**Żvilupp ta' Politika**

Id-Direttorat kien responsabbli mill-monitoraġġ tar-riformi tal-politika b'mod partikolari dik relatata mal-impenji tal-Unjoni Ewropea (UE), jew prijoritajiet nazzjonali.

Fl-2019, id-Direttorat segwa numru ta' proċessi li żviluppaw jew implimentaw riformi ta' politika li kienu ta' prijorità għolja għall-UPM bħal dak li nieda strateġija dwar l-Intelliġenza Artifiċjali, it-twaqqif ta' Task Force dwar strateġija għall-Ispazju, kif ukoll l-iskema dwar iċ-Ċibersigurtà, b'kollaborazzjoni mill-qrib mas-Segretarjat Parlamentari għas-Servizzi Finanzjarji, l-Ekonomija Diġitali u l-Innovazzjoni. Kien responsabbli wkoll li jsegwi l-istima tal-impatt ta' numru ta' liġijiet li ġew ippreżentati minn entitajiet tal-UPM. Barra minn hekk, id-Direttorat kien responsabbli li jikkordina l-politika għall-pjanijiet ta' żvilupp sostenibbli u rrappreżenta lill-UPM fil-laqgħat interministerjali dwar l-iżvilupp sostenibbli. Id-Direttorat ikkordina proċessi ta' konsultazzjoni fuq kwalunkwe politika ġdida jew fuq politika li kienet diġa fis-seħħ. Matul dawn il-proċessi ngħata rispons sabiex ikun żgurat li diskussjonijiet f'livell politiku għoli jkunu riflessi fuq livell nazzjonali u dak Ewropew. Id-Direttorat jieħu ħsieb ukoll konsultazzjonijiet pubbliċi meħtieġa u maħruġa taħt l-istess Ministeru u jiżgura li dawn il-liġijiet jitpoġġew online għall-konsultazzjoni.

Id-Direttorat ta l-appoġġ meħtieġ matul iż-żjarat li Malta rċeviet mill-Istituzzjonijiet Ewropej biex jiġu diskussi aspetti tal-amministrazzjoni pubblika u s-servizz ċivili, u pprovda l-pożizzjoni tal-UPM fuq għadd ta' aspetti importanti għal Malta f'dan ir-rigward. B'mod partikolari, ikkordina żjara annwali fuq l-implimentazzjoni tal-qafas regolatorju tas-settur tat-telekomunikazzjoni. Id-direttorat ikkordina mal-entitajiet taħt il-kappa tal-UPM waqt fact-finding mission li saret f'Malta mill-Kummissjoni Ewropea sabiex ingħata rispons fuq dossiers sensittivi ħafna għar-reputazzjoni ta' Malta fuq livell Ewropew.

Dan id-Direttorat segwa mill-qrib u ħa sehem b'mod kontinwu fil-konsultazzjonijiet, b'mod partikolari dwar dossiers li jikkonċernaw ir-riċerka u l-innovazzjoni, kif ukoll l-ekonomija diġitali. Id-Direttorat segwa mill-qrib inizjattivi ġodda li qed jiġu żviluppati fuq livell Ewropew f'dawn l-oqsma, u kkordina l-pożizzjoni tal-UPM, fejn ġie mitlub rispons minn ministeri oħra għal laqgħat fuq livell Ewropew u Internazzjonali.

**Affarijiet tal-Unjoni Ewropea**

Matul is-sena 2019, dan id-Direttorat beda jaħdem ukoll fuq il-pakkett leġiżlattiv il-ġdid tal-Kummissjoni Ewropea fuq l-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (EIT). Dan il-pakkett, li għadu ma ġiex konkluż, jikkonsisti f'żewġ proposti fuq it-tfassil mill-ġdid tar-regolament u l-istrateġija

tal-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (EIT). L-EIT sar korp tal-UE u huwa ddedikat għaż-żieda fil-kompetittività, it-tkabbir ekonomiku sostenibbli u l-ħolqien tal-impjiegi billi jippromovi attivitajiet ta' 'trijangolu ta' għarfien' (edukazzjoni għolja, riċerka u innovazzjoni). Permezz ta' konsultazzjoni kontinwa mal-MCST u entitajiet oħra kkonċernati, dan id-Direttorat assigura li l-pożizzjoni ta' Malta fid-diskussjonijiet tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea tasal bl-iktar mod effettiv u ta' benefiċċju għall-interessi ta' pajjiżna.

Id-Direttorat kompla jikkordina l-pożizzjonijiet ta' Malta fid-diskussjonijiet fuq livell Ewropew dwar id-dossier tat-Telekomunikazzjoni, fosthom dwar l-emendi tad-Direttiva eżistenti dwar l-użu mill-ġdid tal-informazzjoni tas-settur pubbliku, li daħlet fis-seħħ fis-17 ta' Lulju, 2019. Fost il-proposti li bdew jiġu diskussi matul l-2019 hemm il-proposta li tistabbilixxi l-programm għall-Ewropa Diġitali għall-perjodu 2021-2027. Din il-proposta ser tipprovdi għodda ta' nfiq għall-fini tal-bini ta' kapaċità sabiex jintlaħqu l-miri lejn trasformazzjoni diġitali. F'dan ir-rigward fit-13 ta' Frar, 2019 intlaħaq ftehim proviżorju bejn il-Parlament Ewropew u l-Kunsill.

Id-Direttorat kellu sehem ewlieni fil-kumpilazzjoni ta' diversi kwestjonarji li jikkontribwixxu għar-Rapport dwar il-Progress Diġitali Ewropew, fejn ikkonsulta ma' diversi entitajiet u Ministeri oħra, u kkonsolida t-tweġibiet sabiex tiġi maħruġa pożizzjoni waħda. Ikkordina wkoll il-kumpilazzjoni tal-Iskeda Informattiva dwar il-Gvern diġitali li tkun ippubblikata mill-Kummissjoni Ewropea kull sena.
Id-Direttorat segwa b'mod attiv id-dossier tal-identità u tal-viża fejn ħadem flimkien mal-Aġenzija Identity Malta fuq bosta fajls li jittrattaw suġġetti relatati mal-viżi. Fost il-fajls li komplew jiġu diskussi fl-2019 kien hemm il-proposta dwar is-Sistema tal-Informazzjoni dwar il-Viża u l-iskambju ta' data bejn l-Istati Membri dwar viżi għal perjodu qasir. L-għan ewlieni wara din il-proposta huwa biex ittejjeb l-implimentazzjoni tal-politika komuni tal-viża u ssaħħaħ il-koperazzjoni konsulari bejn l-awtorijiet ċentrali tal-viża.

**L-Implimentazzjoni tal-Programmi**

Matul l-2019, id-Direttorat kompla jaqdi l-funzjoni ta' Line Ministry fir-rigward ta' proġetti kofinanzjati mill-Unjoni Ewropea (UE) li huma implimentati minn dipartimenti u entitajiet li jaqgħu taħt il-kappa tal-Uffiċċju tal-Prim Ministru (UPM). Din il-funzjoni hija parti kbira mir-responsabbiltà tad-Direttorat. Id-Direttorat assigura l-implimentazzjoni f'waqtha tal-proġetti permezz ta' monitoraġġ u assistenza kontinwa lill-uffiċjali nkarigati mit-tmexxija tal-proġetti.

**Kordinazzjoni tal-Fondi ta' Koeżjoni**

Funzjonijiet oħra ta' dan id-Direttorat kienu jikkonsistu fil-verifika u l-ipproċessar ta' pagamenti fuq sistema online magħrufa bħala Structural Funds Database (SFD) u dokumentazzjoni oħra bħal kuntratti,

addenda tal-istess kuntratti kif ukoll garanziji bankarji. Matul l-2019 id-direttorat ipproċessa diversi pagamenti li t-total tagħhom jammonta għal madwar €7,406,000.

Id-Direttorat serva ta' gwida għall-entitajiet fl-UPM fil-preparazzjoni ta' rapporti meħtieġa u marbuta mal-implimentazzjoni ta' proġetti taħt il-programm 2014-2020. Matul l-2019 dan id-Direttorat kien responsabbli għall-monitoraġġ ġenerali ta' tmien proġetti imsemmija hawn taħt:

| **Programm Operattiv I**<br>**Politika ta' Koeżjoni 2014-2020**<br>**Fond Ewropew ta' Żvilupp Reġjonali (ERDF)** | | |
|---|---|---|
| Proġetti Approvati | | |
| ERDF.02.035 | L-Uffiċċju tal-Prim Ministru (UPM) | Connected e-Government CONvErGE |
| ERDF.08.045 | L-Awtorità Maltija għall-Komunikazzjoni (MCA) | The Establishment of Assistive Technology Centres in Malta and Gozo |

| **Programm Operattiv II**<br>**Politika ta' Koeżjoni 2014-2020**<br>**Fond Soċjali Ewropew (ESF)** | | |
|---|---|---|
| Proġetti Approvati | | |
| ESF.02.050 | L-Awtorità Maltija għall-Komunikazzjoni (MCA) | Star Kids Reaching Out: Improving the life chances of vulnerable children |
| ESF.03.004 | L-Awtorità Maltija għall-Komunikazzjoni (MCA) | e-Commerce Training Programme |
| ESF.02.061 | Responsible Gaming Foundation (RGF) | Take Action: Against Problem Gambling in Malta |
| ESF.PA4.0072 | L-Aġenzija ta' Malta għall-Informazzjoni u t-Teknoloġija (MITA) | Mobile Public Services Take-up |

| | | |
|---|---|---|
| ESF.PA4.0078 | Diviżjoni dwar Nies u Standards - PSD | Mystery Shopper - Enhanced Performance in the Public Administration Leading to Service of Excellence |
| ESF.PA4.0085 | Istitut għas-Servizzi Pubbliċi - IPS | Towards a More Professional Workforce in the Public Administration |

**Fondi oħra tal-UE**

Id-Direttorat offra l-assistenza tiegħu lill-entitajiet fi ħdan l-UPM biex potenzjalment jieħdu sehem fi proġetti ffinanzjati direttament mill-UE fosthom taħt l-iStructural Reform Support Programme (SRSP). Taħt it-tieni sejħa ta' dan il-programm kienu approvati tliet proġetti li tnejn minnhom ġew konklużi b'suċċess matul l-2018, filwaqt li t-tielet proġett għadu għaddej bl-implimentazzjoni:

- **18MT07** Public Procurement Reform

- **18MT10** Support for building capacity on Digital Public Service Take-up

- **18MT15** Support for the Digital Transformation in the Public Service in Malta

Id-Direttorat għen ukoll biex għar-raba' sejħa taħt l-istess programm (SRSP), li tnediet f'April 2019, ġew ivvettjati ħdax-il applikazzjoni li kienu sottomessi minn entitajiet u Dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tal-UPM. Is-sottomissjonijiet li saru f'Ottubru 2019 jinsabu fl-istadju ta' evalwazzjoni, hekk kif elenkat hawn taħt:

Fir-responsabbiltà ta' National Contact Point ta' Connecting Europe Facility (Telecom), programm ieħor ta' fondi amministrati direttament mill-Unjoni Ewropea, dan id-Direttorat ipparteċipa f'żewġ laqgħat tal-kumitat fi Brussell. Id-Direttorat ikkontribwixxa wkoll billi daħħal informazzjoni relatata ma sejħiet tas-CEF Telecom fis-sistema online magħrufa bħala d-Direct Funds Management System (DFMS). Kull sejħa li ħarġet taħt dan il-programm ġiet iċċirkolata lill-Ministeri rispettivi. Matul l-2019 id-Direttorat ta s-sehem tiegħu fil-preparazzjoni ta' sitt proposti għal proġetti taħt is-CEF Telecom li tnejn minnhom ġew approvati filwaqt li t-tlieta l-oħra għadhom fil-proċess ta' evalwazzjoni. Dawk approvati jinkludu:

- eInvoicing for Islands
- Multlingual Anonymisation Toolkit for Public Administrations

Permezz tal-programm Connecting Europe Facility (Telecom) għall-perjodu 2014-2019, Malta bbenefikat minn total ta' €4,247,960. Irid jingħad ukoll li taħt dan il-programm, Malta għal darb'oħra reġgħet applikat għall-inizjattiva tal-WiFi4EU fejn fis-sena 2019, għoxrin Kunsill Lokali ngħataw għotja ta' €15,000 kull wieħed sabiex jinstallaw sistema ta' Wi-Fi fi spazji pubbliċi. Għaldaqstant sa din is-sena, Malta ser tgawdi minn fondi li jammontaw għal €585,000 minn mindu bdiet din l-inizjattiva tal-WiFi4EU.

Id-Direttorat kompla jsegwi u pprovda l-assistenza meħtieġa fl-implimentazzjoni ta' proġett ieħor bl-isem ta' Equal: A gender-sensitive Parliament: Advancing women's engagement in Maltese political structures taħt il-Programme Rights, Equality and Citizenship Programme (REC-Equal).

Uffiċjali minn dan id-Direttorat attendew diversi sessjonijiet ta' informazzjoni u taħriġ relatati ma' programmi għall-fondi mill-Unjoni Ewropea. Informazzjoni dwar sejħa miftuħa fir-rigward ta' Interreg V-A Italia-Malta Programme kienet iċċirkolata lid-dipartimenti u l-entitajiet kollha li jaqgħu taħt l-Uffiċċju tal-Prim Ministru. Dan dejjem isir bl-għan li l-proposti għall-proġetti magħżula jkomplu jindirizzaw il-ħtiġiet tal-pajjiż kif imħabbra fil-Baġit u l-manifest elettorali tal-Gvern.

## Information Management Unit

**Daħla**

Il-missjoni tal-Information Management Unit (IMU) hija li toffri appoġġ u konsulenza lid-Dipartimenti, Entitajiet u sezzjonijiet kollha li jaqgħu taħt id-dekasteru tal-Uffiċju tal-Prim Ministru (UPM) fil-qasam tal-ICT u tmexxi 'l quddiem il-proġetti kollha relatati ma' dan il-qasam. Bla dubju dan huwa wieħed mill-aktar Ministeri dinamiċi u eżiġenti u n-natura tiegħu tirrikjedi azzjoni immedjata u kemm jista' jkun proattiva minflok rejattiva, flessibiltà assoluta fid-disponibiltà tal-membri tal-persunal u sens ta' inizjattiva. Il-ħidma ta' dan il-Unit hija maqsuma fi tliet oqsma prinċipali li huma bażikament ir-responsabbiltajiet orizzontali ta' kuljum, ir-responsabbiltajiet vertikali li jinkludu proġetti u r-responsabbiltajiet ta' governanza li jinvolvu attivitajiet skedati ta' verifikazzjoni.

Ir-responsabbiltajiet orizzontali fil-qosor ħafna jinkludu appoġġ ta' kuljum, pariri tekniċi, xiri ta' tagħmir teknoloġiku, software u liċenzji, manutenzjoni ta' inventarji rispettivi, tfassil tal-baġit għall-ICT, immaniġjar tal-vot kapitali tal-ICT, applikazzjonijiet għal servizzi tal-ICT, immaniġjar taċ-ċentru tad-data, immaniġġjar ta' kuntratti, evalwazzjonijiet ta' software, taħriġ fl-użu ta' software u applikazzjonijet, immaniġġjar tan-netwerks fil-binjiet kollha tal-Ministeru u mmaniġġjar tas-siti elettroniċi kollha li jaqaw taħt it-responsabbiltà tal-UPM.

Biex l-IMU jassigura li għandu struttura ta' prassi tajbin sabiex jassigura governanza kontinwa, effettiva u effiċjenti, isegwi skeda ta' kif u meta isiru eżerċizzji ta' verifikazzjoni dwar servizzi, aċċessi għad-data u inventarju.

Dan ir-rapport annwali jiffoka fuq ir-responsabbiltajiet vertikali, jiġifieri l-proġetti li twettqu matul l-2019 u hawn taħt se jingħata sommarju ta' dawn.

**Lista ta' Proġetti - 2019**

Il-formoli fuq il-karta kollha li jintużaw internament bejn id-Diviżjoni tal-People & Standards u d-Dipartimenti kollha għas-Servizzi Korporattivi fis-Servizz Pubbliku ġew maqluba f'formoli onlajn. It-tieni fażi tal-proġett mypersonalkiosk.gov.mt ġiet imnedija bħala parti mill-istrateġija ċentrali tal-Gvern Mobile Government 2017-2018. Dan is-sit elettroniku joffri lil kull impjegat/a fis-Servizz Pubbliku li j/titħallas mis-sistema ċentrali tal-Payroll fuq il-pjattaforma DAKAR il-possibbiltà li jkollu/ha aċċess online għal xi informazzjoni personali relatata ma' Payroll u HR. Dan ovvjament isir wara li l-impjegat/a j/tawtentika bl-eID. Permezz ta' dak li ġie implementat fit-tieni fażi, l-impjegat/a se j/tibda jkollu/ha aċċess għal FS3 tal-aħħar tliet snin. Ix-xogħol tat-tielet fażi, li ser iwassal sabiex l-impjegat/a ikollu/ha aċċess biex j/tara x'rekords għandu il-Gvern dwar il-ħiliet u l-kwalifiki tiegħu/tagħha, twettaq u lest biex jiġi imniedi.

Kompliet il-ħidma fuq il-moduli ta' DAKAR marbutin ma' dixxiplina, reklutaġġ u taħriġ. Sar tibdil sostanzjali fir-rekwiżiti tal-modulu tad-dixxiplina li wassal biex it-tnedija tiegħu issa se jsir fl-2020. Il-ħidma fuq il-modulu tar-reklutaġġ miexja u l-proċess tal-ħruġ taċ-ċirkolari ġie kollu kemm hu diġitalizzat. Bħalissa qed issir il-ħidma sabiex jiġi diġitalizzat il-proċess abbinat mal-Kummissjoni tas-Servizz Pubbliku. Il-modulu tat-taħriġ ukoll kellu tibdil sostanzjali fir-rekwiżiti li kienu ġew maqbula oriġinarjament. Il-ħidma sabiex isir it-tibdil meħtieġ għaddejja u l-modulu mistenni jmur live fl-ewwel kwart tas-sena 2020. Sadanittant ġew imnedija sett ta' rapporti standard marbutin mas-sistema DAKAR u li jintużaw mid-Dipartimenti kollha għas-Servizzi Korporattivi fis-Servizz Pubbliku. Dawn ir-rapporti ffaċilitaw mhux ftit ix-xogħol ta' dawn id-Dipartimenti. Bħala parti mill-proġett li permezz tiegħu d-data bħalissa maħżuna fil-moduli kollha tad-DAKAR tiġi kollha kemm hi issinkronizzata f'maħżen wieħed ċentrali li minnu jista' jsir estrazzjoni ta' informazzjoni b'mod aktar effiċjenti u effettiv, kontinwament qed isiru eżerċizzji ta' tindif ta' data.

L-ewwel fażi tas-sistema tal-informatika għall-Inspections Coordination Office marret live f'Settembru. Dan kif stipulat fit-tender kofinanzjat minn fondi tal-Unjoni Ewropeja taħt il-proġett CONvErGE. Sussegwentament bdiet immedjatament il-ħidma fuq it-tieni fażi.

Is-sistema għall-One-Stop-Shop għas-Servizz Pubbliku ġiet aġġornata sabiex takkomoda rekwiżiti ġodda relatati ma' grievances. Inbena wkoll web service biex jakkomoda r-rekwiżiti meħtieġa minn sistema ġdida li ġiet implimentata fis-sezzjoni tas-salarji f'Għawdex li permezz tagħha se jkun qed isir aktar monitoraġġ fuq it-tibdiliet kollha li jkunu qed jiġu proċessati mill-impjegati ta' din is-sezzjoni.

Sar ukoll tibdil sostanzjali fis-sistema li tintuża fl-Employee Support Programme. Dan wassal għal titjib fil-formoli, proċessi, rappurtaġġ u mekkaniżmi ta' kif tiġi mfittxija l-informazzjoni.
Permezz tal-inizjattiva Government Modern Workplace bi sħubija mal-Microsoft, l-informazzjoni kollha maħżuna fil-Home u Project Shares fuq servers tal-MITA issa saret disponibbli minn kullimkien permezz ta' konnessjoni mal-internet u awtentikazzjoni mad-domain CORP fuq One Drive u My Work Drive rispettivament.

Inbidlet is-sistema u l-kompjuters kollha li kienu jintużaw fil-klassijiet tat-taħriġ fl-Istitut għas-Servizzi Pubbliċi. Is-sistema l-antika ta' Thin Clients ġiet mibdula b'sistema aktar aġġornata ta' All-in-One.

Fl-entratura ta' 3 Castille Place ġie installat interactive whiteboard bil-għan li r-riżultati tar-reklutaġġ jiġu aġġornati u murija b'mod interattiv u diġitali.

Inkiteb tender sabiex toħroġ sejħa għall-offerti għal servers fiżiċi ġodda biex jintużaw fl-UPM. Dawk li hemm illum huma antiki u s-sistemi operattivi li hemm installati fuqhom mhux se jibqgħu jiġu appoġġjati mill-Microsoft. It-tender mistenni jiġi aġġudikat u s-servers il-ġodda jkunu f'posthom fl-ewwel kwart tas-sena 2020.

Sar tibdil fis-sistema DOCREG li tintuża fis-sezzjonijiet tar-Registries kollha tas-Servizz Pubbliku li permezz tiegħu din is-sistema issa ġiet disponibbli biss minn browser tal-Internet. B'hekk intfiet il-verżjoni client server ta' din is-sistema. Dan it-tibdil, li miegħu sar ukoll eżerċizzju intensiv ta' tindif ta' accounts u registries, wassal sabiex din is-sistema tista' tintuża minn kullimkien permezz ta' konnessjoni mal-Internet u awtentikazzjoni mad-domain CORP.

Ġie mniedi wkoll sit ġdid għat-Tribunal tas-Servizzi Finanzjarji f' Malta. Is-sit li kellu dan it-tribunal kien skadut u kien qed jagħti diversi problemi. Is-sit il-ġdid, li ġie aġġornat ukoll fir-rigward ta' ħtiġijiet ġodda li eventwalment waslu għall- workflows ġodda fis-sistema backend, huwa lest biex imur live. Ġie mniedi sit ieħor ġdid għas-Segretarjat Parlamentari inkarigat mir-Riformi dwar Human Trafficking.

Bi preparament għas-sit elettroniku ġdid li se jiġi mniedi mal-Prospectus 2020-2021 mill-Istitut għas-Servizzi Pubbliċi, saret ħidma intensiva biex jiġi stabbilit il-proċess komplut ta' kif se jopera dan is-sit u kif se jinteraġixxi mas-sistema tal-informatika tat-taħrig. Is-sit ser jiġi mniedi f'Ġunju ta' 2020 meta jinħareġ il-Prospectus il-ġdid. Saret ukoll riċerka dwar prodotti fis-suq li joffru Virtual Learning Environment. Wara li ġew ikkunsidrati numru ta' prodotti hemm qbil li l-UPM juża l-istess pjattaforma li qed tintuża mill-Istitut għall-Edukazzjoni fi ħdan il-Ministeru tal-Edukazzjoni. Sadanittant żorna l-Universita ta' Malta biex naraw kif iħaddmu il-kunċett ta' Lecture Capture u ġbarna lista ta' rekwiżiti sabiex tinxtara l-għodda meħtieġa biex tiġi implimentata din is-sistema fl-Istitut għas-Servizzi Pubbliċi.

Ġew installati aktar monitors (tablets) f'numru ta' siti fejn is-Servizz Pubbliku jilqa' ċittadini li jiġu biex jieħdu xi tip ta' servizz. L-iskop ta' dawn il-monitors hu biex iċ-cittadin ikun jista' jesprimi l-livell ta' sodisfazzjon wara li jingħata s-servizz u s-Servizz Pubbliku ikun jista' jieħu stampa tal-kwalità ta' servizz li qiegħed jingħata.

## ID-DIRETTORAT GĦALL-IŻVILUPP SOSTENIBBLI

**Strateġija ġdida għall-Iżvilupp Sostenibbli**

Matul din is-sena d-Direttorat kompla jsaħħaħ il-ħidma tiegħu fuq dik preċedenti. Il-ħidma prinċipali tad-Direttorat kienet iffokata fuq il-proċess għat-tfassil ta' strateġija ġdida għall-Iżvilupp Sostenibbli flimkien ma' Pjan ta' Azzjoni b'miri strateġiċi speċifiċi li jridu jiġu attwati fuq medda ta' żmien qasir, medju u fit-tul. Id-Direttorat kiseb assistenza teknika taħt il-Programm ta' Sostenn għar-Riforma Strutturali li huwa mexxi mill-Kumissjoni Ewropea sabiex titfassal l-Istrategija għall-Iżvilupp Sostenibbli. Ġie iffirmat ftehim mal-Organizzazzjoni għall-Koperazzjoni Ekonomika u ta' Żvilupp (OECD) u l-esperti tekniċi għamlu l-ewwel żjara tagħhom f'Malta bejn l-20 u l-21 ta' Novembru fejn kellhom diversi laqgħat li kienu jinkludu mal-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika (NSO), id-Dipartiment għall-Iżvilupp tal-Politika Ekonomika (EPD), id-Direttorat għall-Baġit, l-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi (ERA) u l-Awtorità għall-Ippjanar (PA).

Wara li f'Novembru tal-2018 id-dokument ta' Viżjoni għall-2050 kien ġie ppubblikat għall-konsultazzjoni pubblika, fil-bidu tal-2019 id-Direttorat kien impenjat bl-evalwazzjoni tal-kummenti li ntbagħtu bil-għan li jittieħdu in konsiderazzjoni għal waqt l-abbozzar tal-istess Strateġija.

Matul l-ewwel sitt xhur ta' din is-sena d-Direttorat organizza serje ta' konferenzi, ħamsa b'kollox, bħala parti mit-tfassil inizjali ta' Strateġija għall-Iżvilupp Sostenibbli. Dawn il-konferenzi kienu mmirati għal

diversi setturi tas-soċjetà Maltija u r-riżultati ta' dawn il-konferenzi se jittieħdu in konsiderazzjoni għal waqt l-abbozzar tal-istess Strateġija. Dawn il-konferenzi kienu jinkludu:

- Konferenza fuq it-triq 'il quddiem lejn ekonomija Maltija sostenibbli
- Konferenza dwar l-importanza tal-protezzjoni tal-ambjent Malti
- Konferenza dwar l-importanza ta' koeżjoni soċjali u l-benesseri taċ-ċittadini
- Konferenza dwar l-importanza ta' investiment f'infrastruttura sostenibbli
- Konferenza dwar ir-rwol tal-għaqdiet mhux governattivi fil-ħidma għall-Iżvilupp Sostenibbli

Dawn it-tnejn tal-aħħar kienu organizzati bħala parti mill-Ġimgħa Ewropea dwar l-Iżvilupp Sostenibbli. Dawk li attendew kienu jinkludu għaqdiet mhux governattivi, rappreżentanti tas-soċjetà ċivili, korpi kostitwiti, l-akkademja, rappreżentanti minn diversi ministeri, dipartimenti u entitajiet oħra tal-Gvern kif ukoll nies mill-pubbliku ġenerali.

**Allinjament tal-miżuri tal-baġit, miżuri addizzjonali, miżuri ta' simplifikazzjoni u indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni (KPIs) mal-miri tal-Iżvilupp Sostenibbli (SDGs)**

Għall-ewwel darba fl-2019, l-amministrazzjoni ċentrali tal-Gvern iddeċidiet li tallinja l-miżuri tal-Baġit għall-2020 mal-miri tal-Iżvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Magħquda u l-indikaturi għalihom. Din l-inizjattiva għandha l-għan li tiżgura li l-ħidma u l-miżuri li jittieħdu mill-Gvern ipoġġu lil pajjiżna f'pożizzjoni tajba biex jilħaq dawn l-istess miri. L-eżerċizzju ta' allinjament sar b'kordinazzjoni sħiħa bejn l-Uffiċċju tal-Prim Ministru, id-Direttorat għall-Iżvilupp Sostenibbli u l-Ministeri kollha. Din l-inizjattiva kienet estiża għall-miżuri addizzjonali, miżuri ta' simplifikazzjoni u l-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni (KPIs) fejn l-istess proċess ta' allinjament li ntuża għall-miżuri tal-Baġit kien applikat f'dan il-każ b'kordinament mad-Diviżjoni tal-Implimentazzjoni fi ħdan l-Uffiċċju tal-Prim Ministru.

**Sustainable Development Focal Points**

Matul is-sena l-Persuni ta' Referenza għall-Iżvilupp Sostenibbli (SD Focal Points) fil-Ministeri rispettivi assistew lid-Direttorat fil-ħidma tiegħu sabiex il-Politika għal Żvilupp Sostenibbli tkun applikata fil-ħidma tal-Gvern.

Matul l-2019 saru l-laqgħat flimkien mal-SD Focal Points fejn ġew diskussi l-iżviluppi marbutin mat-tfassil tal-Istrateġija għall-Iżvilupp Sostenibbli. Laqgħa minnhom kienet immexxiha minn esperti tal-OECD bħala parti mill-ewwel żjara tagħhom f'Malta fejn ġew diskussi l-metodi li se jiġu addottati għall-abbozzar tal-istrateġija.

**Il-Fond għall-Iżvilupp Sostenibbli**

Fl-2018 għall-ewwel darba ġie imniedi l-fond għall-iżvilupp sostenibbli għal għaqdiet mhux governattivi (NGOs). Il-ftehim marbut ma' dan il-fond kien jistipula li l-fond kien validu għal sena u għaldaqstant it-tliet għaqdiet mhux governattivi li ġew magħżula biex jibbenefikaw minnu kienu obbligati li jikkonkludu l-ħidma tagħhom marbuta mal-istess fond matul l-2019. Id-Direttorat għall-Iżvilupp Sostenibbli bħala l-kontributur li kien qiegħed jiffinanzja u jamministra dan il-fond żamm kuntatt kostanti mal-għaqdiet li bbenefikaw minnu sabiex ikun żgurat illi dawn jirrispettaw l-obbligi u ż-żminijiet tagħhom skond il-ftehim. Wara li f'Mejju ta' din is-sena ġie tterminat il-fond skont il-ftehim, il-benefiċjarji bagħtu r-rapporti finali flimkien ma' materjal relevanti ieħor bħala prova tax-xogħol u r-riżultati li kienu kommessi jwettqu.

**Impenn Ewropew u Internazzjonali**

Id-Direttorat għandu wkoll l-obbligu li jsegwi u jipparteċipa fil-fora internazzjonali fir-rigward ta' żvilupp sostenibbli. Minħabba l-Impenn Ewropew kif ukoll dak internazzjonali fuq din il-materja, dan id-Dipartiment attenda u ipparteċipa regolarment fil-laqgħat ta' WPIEI Global u l-Agenda 2030 fi Brussell. Matul dawn il-laqgħat ġiet diskussa ukoll aġenda speċifika relatata mad-dimensjoni ambjentali ta' żvilupp sostenibbli.

Malta pparteċipat ukoll fir-raba' laqgħa tal-Assemblea tan-Nazzjonijiet Uniti (NU) għall-Ambjent li saret bejn il-11 u l-15 ta' Marzu, 2019 f'Nairobi, il-Kenja. It-tema magħżula kienet "Soluzzjonijiet innovattivi għall-isfidi ambjentali u konsum u produzzjoni sostenibbli (SCP)". L-Assemblea inkludiet sessjonijiet plenarji, leadership dialogues and multi-stakeholder dialogues, flimkien ma' ħafna avvenimenti inkluż il-One Planet Summit imlaqqa' mill-Presidenti ta' Franza Emmanuel Macron u tal-Kenja Uhuru Kenyatta.

Id-delegati, inkluż Malta, taw stqarrijiet matul il-High-Level Segment fejn enfasizzaw l-azzjonijiet nazzjonali tagħhom biex jindirizzaw l-isfidi ambjentali u jwettqu l-SCP, inklużi politiki ta' skart żero u jnaqqsu l-iskart tal-ikel.

L-eżitu finali tal-UNEA-4 kien Dikjarazzjoni Ministerjali li tesprimi d-dedikazzjoni biex tindirizza l-isfidi ambjentali permezz ta' soluzzjonijiet innovattivi u li timxi lejn soċjetajiet sostenibbli u reżiljenti permezz tal-SCP.

**Capacity Building**

L-uffiċjali tad-Direttorat attendew ukoll għal konferenza ta' jumejn li iffukat fuq l-iżvilupp ta' pjan u strateġija għall-edukazzjoni fuq żvilupp sostenibbli għall-Ewropa.

Matul din is-sena l-uffiċjali tad-Direttorat attendew għal serje ta' korsijiet organizzat mill-Istitut għas-Servizzi Pubbliċi, mill-programm magħruf bħala Entry to Senior Management Level Programme, li aktar qabel kien magħruf bħala Public Management Toolkit. Dawn il-korsijiet kienu ta' benefiċċju għall-iżvilupp kemm personali tal-uffiċjali kif ukoll dak kollettiv tad-Direttorat.

## Id-Dipartiment għar-Relazzjonijiet Industrijali u tal-Impjieg

### Il-Mandat tad-Dipartiment

L-għan ewlieni tad-Dipartiment għar-Relazzjonijiet Industrijali u tal-Impjieg hu li jipproteġi l-interessi ta' ħaddiema f'kuntratt tax-xogħol waqt li fi spirtu ta' partnership soċjali, jippromwovi b'mod attiv ir-relazzjonijiet tajba u jikkontribwixxi għal relazzjonijiet industrijali stabbli.

### Struttura tad-Dipartiment

Din is-sena ittieħdu diversi deċiżjonijiet bil-għan li dan id-Dipartiment jissaħħaħ u jkollu r-riżorsi neċesssarji biex ikun jista' jilqa' l-isfidi f'dinja tax-xogħol li qed tinbidel b'pass mgħaġġel. Fil-fatt, fil-bidu ta' din is-sena, sar tibdil fl-Att tar-Relazzjonijiet Industrijali u tal-Impieg u nħolqot struttura ġdida għad-Dipartiment fejn it-tmexxija tiegħu ġiet fdata f'idejn Direttur Ġenerali bir-responsabbiltà li tagħti direzzjoni strateġika lid-Dipartiment.

Id-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u tal-Impieg kulma jmur qiegħed ikollu rwol aktar importanti fil-qasam tax-xogħol u tar-relazzjonijiet industrijali kemm bħala regolatur kif ukoll bħala edukatur biex ikun hemm stabbiltà f'dan il-qasam u l-ekonomija tal-pajjiz tmur 'il quddiem.

Biex jilħaq l-oġġettivi tiegħu, fis-sena 2019 nbeda proċess ta' tisħiħ, kemm fir-riżorsi umani, sistemi u proċessi ġodda kif ukoll fl-għodod teknoloġiċi tiegħu.

Funzjoni ewlenija tad-Dipartiment hija l-ħarsien tal-kundizzjonijiet tax-xogħol. Għaldaqstant, id-Dipartiment għandu sezzjoni tal-Customer Care li tilqa' każi mill-pubbliku, anki b'mod anonimu li jaslu d-Dipartiment permezz tal-email, telefonati u anki b'mod personali (walk-ins). F'din is-sezzjoni jiġu trattati ukoll numru konsiderevoli ta' mistoqsijiet b'rabta mal-kundizzjonijiet tax-xogħol li jaslu kemm minn ħaddiema kif ukoll minn min iħaddem.

Sezzjoni oħra hija dik tal-infurzar fejn jiġu investigati l-kundizzjonijiet tal-impjieg, kemm ta' ħaddiema li għadhom fl-impjieg kif ukoll ta' dawk il-ħaddiema li l-impjieg tagħhom ġie terminat, kemm minn min

iħaddimhom kif ukoll minnhom stess. Din it-taqsima hija responsabbli wkoll biex tressaq il-każijiet il-Qorti, jekk ikun hemm il-ħtieġa.

Id-Dipartiment huwa wkoll responsabbli mir-regolazzjoni u infurzar tad-dispożizzjonijiet stipulati fil-Public Procurement Regulations li huma maħsuba biex jeliminaw prattiċi tal-impjiegi prekarji ta' ħaddiema ma' kumpaniji li jipprovdu servizzi lil dipartimenti u entitajiet tal-gvern.

Aspett essenzjali li jwettaq id-Dipartiment għaż-żamma ta' relazzjonijiet industrijali tajba huma l-laqgħat ta' konċiljazzjoni li d-Dipartiment jagħmel meta jinqala' tilwim industrijali bejn trade unions u prinċipali. Id-Dipartiment iwettaq ukoll verifiki ta' sħubija f'unions fuq talbiet tal-prinċipali sabiex jiġi determinat liema union ikollha l-maġġoranza f'kategorija jew post partikolari.

Id-Dipartiment ilaqqa' fi ħdanu l-Bord dwar ir-Relazzjonijiet dwar l-Impjiegi. Il-funzjonijiet tal-Bord huma li jagħmel rakkomandazzjonijiet lill-Ministru dwar standards nazzjonali minimi ta' kundizzjonijiet tal-impjieg u li jagħti pariri lill-Ministru dwar dak kollu li jkollu x'jaqsam mal-kundizzjonijiet tal-impjieg.

Id-Dipartiment huwa wkoll responsabbli mil-liċenzji ta' aġenziji tal-impjieg biex dawn l-aġenziji ikunu jistgħu joperaw. Id-Dipartiment joħroġ permessi ta' banking of hours kif ukoll jawtorizza permessi biex prinċipali jkunu jistgħu jwaħħlu multi fuq il-pagi tal-ħaddiema tagħhom. Id-Dipartiment jipprovdi l-operat amministrativ lit-Tribunal Industrijali.

Fuq skala internazzjonali id-Dipartiment jirrappreżenta lil Malta fl-Awtorità Ewropea tax-Xogħol (ELA) kif ukoll fl-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO), kif ukoll jikkordina mar-Rappreżentanza ta' Malta fi Brussell fuq il-pożizzjoni li Malta għandha tieħu fuq suġġetti relatati mal-liġi tax-xogħol.

**Riżorsi Umani**

Matul is-sena 2019, id-Dipartiment esperjenza tibdil konsiderevoli fil-personal tiegħu fi sforz biex id-Dipartiment ikun jista' jaqdi il-funzjonijiet tiegħu b'aktar effiċjenza u b'mod aktar effettiv. Fil-fatt, fil-bidu ta din is-sena sar tibdil fl-Att tar-Relazzjonijiet Industrijali u tal-Impieg u nħolqot pożizzjoni ġdida ta' Direttur Ġenerali. Barra min hekk, ingħaqdu mad-Dipartiment, Assistent Direttur, Senior Legal Officer, Senior Manager (Contracts Compliance), Assistant Manager (People Management) u EIRA Inspector. Matul din is-sena id-Dipartiment ħa sehem fl-Iskema mnedija mill-Istitut tas-Servizz Pubbliku u b'hekk erba'studenti qegħdin jaħdmu bħala trainees mad-Dipartiment.

**Taħriġ**

Matul din is-sena, bosta uffiċjali mid-Dipartiment attendew korsijiet organizzati mill-Istitut tas-Servizzi Pubbliċi u istituzzjonijiet oħra. Fost dawn ta' min isemmi li erba' uffiċjali iggradwaw fl-Award in People Management and Industrial Relations for Public Officers (Level 6) organizzat mill-Istitut tas-Servizz Pubbliku. Tliet uffiċjali ggradwaw fil-kors Training the Trainer (Level 5) u żewġt uffiċjali ggradwaw fil-Human Resources Management & Training Award (Level 5) organizzati mill-Foundation for Human Resources Development. Żewġ Uffiċjali kkonkludew il-Public Management Toolkit. Din is-sena, l-EIRA Inspectors attendew ukoll għal Seminar organizzat minn Gangmasters and Labour Abuse Authority tar-Renju Unit dwar Human Trafficking and Smuggling. Barra minn hekk, id-Dipartiment jorganizza b'mod regolari taħriġ intern għall-uffiċjali.

**Spezzjonijiet**

Is-Sezzjoni tal-Ispettorat wettqet 371 spezzjoni fis-sena 2019. Waqt dawn l-ispezzjonijiet ġew intervistati 897 impjegat. F'dawn l-ispezzjonijiet instabu total ta' 131 irregolarità.

L-uffiċjali f'din is-Sezzjoni wieġbu total ta' 14,239 mistoqsija dwar kundizzjonijiet tal-impjieg kemm permezz tat-telefown kif ukoll b'mod personali fl-uffiċċju. Minbarra dawn ġew riċevuti u mwieġba immedjatament total ta' 7,128 email li fihom il-klijenti talbu xi forma ta' informazzjoni dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol. F'bosta każijiet relatati ma' pagi li ma tħallsux u irregolaritajiet oħra konnessi mal-kuntratt tal-impjieg, il-każijiet ġew solvuti grazzi għall-isforzi diretti tal-uffiċjali. Każijiet oħra tressqu l-Qorti fejn f'dan ir-rigward inħarġu 38 claim monetarju filwaqt li 271 każ, li kull wieħed minnhom possibbilment kien jinkludi numru ta' irregolaritajiet, ġew solvuti u 9 każijiet mhux riżolti tressqu għal azzjoni legali.

Is-sezzjoni tal-Ispettorat tipproċessa wkoll notifiki ta' ħaddiema stazzjonati. Matul dan il-perjodu, id-Dipartiment irċieva 426 notifika ta' dan it-tip.

Għas-sena 2019, id-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u tal-Impjieg irċieva 280 applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni tad-Direttur biex persuna taħt is-sittax-il sena u tkun għadha ma spiċċatx l-iskola sekondarja tkun tista' taħdem. Minn dawn il-280 applikazzjoni, 186 kienu għal minuri li xtaqu jieħdu sehem waqt il-ġbid ta' film għal perjodu qasir ta' żmien fis-sajf jew inkella waqt il-ħin tal-iskola. L-età ta' dawn il-minuri kienet tvarja bejn tmien snin u sittax-il sena.

Minbarra dawn l-applikazzjonijiet għall-ġbid ta' films, id-Dipartiment irċieva 70 applikazzjoni oħra għal minuri biex jaħdmu f'diversi ħwienet, restoranti, lukandi u kumpaniji oħra.

Minbarra dawn, kien hemm ukoll 22 applikazzjoni ta' minuri li ma kellhomx bżonn permess biex jaħdmu. Dan għaliex 15 minnhom, minkejja li kienu għadhom ma għalqux sittax-il sena, kienu se jibdew jaħdmu wara li jkunu spiċċaw l-aħħar sena tal-iskola sekondarja. Is-seba' applikazzjonijiet l-oħra kienu ta' minuri li kienu se jaħdmu f'intrapriża tal-familja. Skont ir-regolament numru 1(4), minuri m'għandux bżonn permess biex jaħdem jekk ikun se jagħmel xogħol domestiku f'dar privata jew ikun se jaħdem ġo intrapriża tal-familja.

Fis-sena 2019 ma kienx hemm applikazzjonijiet li ġew irrifjutati mid-Direttur Ġenerali tad-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u tal-Impjieg.

**Sessjonijiet ta' Informazzjoni**

Matul is-sena 2019, id-Dipartiment nieda diversi sessjonijiet ta' outreach f'diversi setturi fosthom trasport, ċittadini tal-UE li qed jaħdmu f'Malta u third country nationals. Id-Dipartiment ta wkoll il-kontribut tiegħu f'diversi midja.

**Aġenziji tal-Impjiegi**

In-numru ta' Aġenziji tal-Impjiegi liċenzjati fi tmiem Diċembru 2019 kien 126.

Matul is-sena 2019, 92 aġenzija tal-impjiegi ġeddew il-liċenzja filwaqt li 32 aġenzija ġdida ġew liċenzjati biex jibdew joperaw bħala tali.

L-ammont ta' ħlasijiet ta' liċenziji lid-Dipartiment irċieva matul dan il-perjodu kien ta' €43,326.84.
Lista aġġornata tal-Aġenziji tal-Impjiegi liċenzjati li għandhom il-permess biex jippubblikaw reklami f'isem il-klijenti tagħhom għar-reklutaġġ ta' persunal tinsab fil-website tad-Dipartiment, dier.gov.mt.

**Il-Bord dwar ir-Relazzjonijiet dwar l-Impjiegi**

Il-Bord dwar ir-Relazzjonijiet dwar l-Impjiegi hu maħtur mill-Ministru u hu kompost minn Chairperson indipendenti, id-Direttur Ġenerali responsabbli għall-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali li sservi bħala Deputat Chairperson, rappreżentanti tal-impjegati u tal-prinċipali nominati mill-Kunsill Malti għall-Iżvilupp Ekonomiku u Soċjali u membri oħra nominati mill-Ministru. Il-funzjonijiet tal-Bord huma li jagħmel rakkomandazzjonijiet lill-Ministru dwar xi standards nazzjonali minimi ta' kundizzjonijiet tal-impjieg, u li jagħti pariri lill-Ministru dwar dak kollu li jkollu x'jaqsam mal-kundizzjonijiet tal-impjieg.

Matul l-2019 saru 10 laqgħat tal-Bord li fihom ġew diskussi bosta materji relatati mal-impjiegi u r-relazzjonijiet industrijali. Fost affarijiet oħra ġew diskussi emendi għall-Att tar-Relazzjonijiet Industrijali u tal-Impjieg u emendi għall-Ordni ta' Standard Nazzjonali dwar il-Leave ta'

Prokreazzjoni Medikament Assistita. Ġew diskussi wkoll il-ġuriżdizzjoni tat-Tribunal Industrijali fuq każi ta'tkeċċija ta' ħaddiema fuq kuntratti definiti u u l-proċess ta' konferma tar-riappuntar taċ-Chairpersons tat-Tribunal Industrijali. Saru wkoll diskussjonijiet fuq żewġ Direttivi ġodda tal-Unjoni Ewropea dwar il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata għall-ġenituri u għall-persuni li jindukraw u dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol trasparenti u prevedibbli.

Barra minn hekk, ġew ippubblikati dawn it-tliet avviżi legali wara konsultazzjoni tal-Bord:

- Ordni ta' Standard Nazzjonali dwar l-Inqas Paga Nazzjonali
- Ordni ta' Standard Nazzjonali dwar żieda fil-Paga għall-Impjegati
- Ordni dwar l-Adattament tal-Liġijiet dwar Ordnijiet tal-Kunsilli tal-Pagi biex Jirregola l-Pagi

**Konċiljazzjonijiet u Soluzzjonijiet għal Tilwim Industrijali**

Wieħed mill-għanijiet tad-Dipartiment huwa li b'approċċ proattiv isolvi tilwim industrijali b'soluzzjoni ta' sodisfazzjon kemm għall-intrapriża partikolari kif ukoll għall-union involuta. Din il-konċiljazzjoni fil-qasam tar-relazzjonijiet industrijali kkontribwiet sostanzjalment biex ikun hawn klima ta' relazzjonijiet industrijali aktar stabbli. Matul is-sena 2019 saru total ta' 40 laqgħa ta' konċiljazzjoni li fi 32 minnhom intlaħaq ftehim. Fis-7 laqgħat l-oħra mill-banda l-oħra ma nstabet l-ebda soluzzjoni għat-tilwima kkonċernata filwaqt li tilwima oħra ġiet riferuta lit-Tribunal Industrijali.

**It-Tribunal Industrijali**

It-Tribunal Industrijali huwa tribunal indipendenti stabbilit skont l-Att dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali u għandu kompożizzjoni varjabbli stabbilita mil-liġi skont in-natura tal-każ. Din hija jew ta' Chairperson waħdu li jintgħażel skont min ikun imissu minn panel ta' Chairpersons, jew ta' Chairperson u żewġ membri, wieħed magħżul minn panel ta' persuni li jirrappreżentaw l-interessi ta' min iħaddem u l-ieħor minn panel ta' persuni li jirrappreżentaw lit-trade unions. It-Tribunal Industrijali jisma' u jiddeċiedi tilwim industrijali mressaq quddiemu mill-Ministru responsabbli mir-relazzjonijiet industrijali u tal-impjieg, fuq talba ta' xi waħda mill-partijiet involuti fit-tilwima jew mit-tnejn li huma. Jisma' wkoll każijiet ta' allegat tkeċċija inġusta, diskriminazzjoni, fastidju u renumerazzjoni differenti għal xogħol tal-istess valur. Is-sessjonijiet tat-Tribunal isiru fil-bini tal-Qorti.

F'dan ir-rigward, id-Dipartiment jipprovdi servizzi ta' appoġġ amministrattiv għat-Tribunal, sabiex jiżgura l-funzjonament xieraq tiegħu.

Matul is-sena 2019, tressqu 112-il każ quddiem it-Tribunal Industrijali.

Mill-banda l-oħra t-Tribunal Industrijali ddeċieda 124 każ matul is-sena 2019. Dawn il-każijiet kienu jinkludu 106 każijiet ta' allegati tkeċċijiet inġusti, 4 każijiet ta' allegata tkeċċija inġusta u allegata diskriminazzjoni, 12-il każ ta' allegata diskriminazzjoni/fastidju/vittimizzazzjoni u 2 każijiet ta' tilwim industrijali. Fl-aħħar tas-sena 2019 kien fadal 285 każ pendenti.

**Ftehimiet Kollettivi**

L-Artikolu 5(2) tal-Att dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali jistipula li fejn il-kundizzjonijiet tax-xogħol ikunu stabbiliti fi Ftehim Kollettiv, min iħaddem hu obbligat li jibgħat lid-Direttur Ġenerali għar-Relazzjonijiet Industrijali u tal-Impjieg kopja awtentika tal-ftehim fi żmien 15-il jum mid-data tal-firma. Skont dan l-Artikolu, il-ftehimiet kollettivi li ġejjin kienu rreġistrati fid-Dipartiment matul is-sena 2019:

| Tip ta' Ftehim | Ammont |
|---|---|
| Ftehimiet kollettivi ġodda | 9 |
| Tiġdid/Estensjonijiet | 25 |
| Side Agreements/Addenda | 9 |

**Ir-Reġistratur tat-Trade Unions**

Fl-1 ta' Jannar, 2019 ir-Reġistru kien jinkludi 32 trade union irreġistrata u 8 assoċjazzjonijiet ta' min iħaddem. Matul is-sena 2019 ġew irreġistrati trade union u assoċjazzjoni ta' prinċipali. Matul 2019 ma ġiet ikanċellata l-ebda Trade Union jew Assoċjazzjoni ta' Prinċipali.

Għaldaqstant, fil-31 ta' Diċembru, 2019 ir-Reġistru tat-Trade Unions kien jinkludi 33 trade union u 9 assoċjazzjonijiet ta' min iħaddem.

**L-Organizzazzjoni Dinjija tax-Xogħol**

Bejn l-10 ta' Ġunju u l-21 ta' Ġunju, 2019, id-Dipartiment mexxa delegazzjoni fil-108 Sessjoni tal-konferenza tal-Organizzazzjoni Dinjija tax-Xogħol (ILO) f'Ġinevra. Din is-sena, l-ILO kienet qed tiċċelebra l-għeluq ta' mitt sena mit-twaqqif tagħha u diversi kapijiet ta' stati, fosthom il-President ta' Malta, ipparteċipaw u indirizzaw il-konferenza. Id-delegazzjoni Maltija kient tinkludi numru ta' uffiċjali għolja ta' Trade Unions u Assoċjazzjonijiet ta' Min Iħaddem. Id-delegazzjoni Maltija ipparteċipat f'żewġ kumitati. Kumitat minnhom iddiskuta l-futur tax-xogħol filwaqt li l-kumitat l-ieħor iffoka fuq il-proposta ta' Konvenzoni dwar vjolenza u fastidju fuq nisa u rġiel fid-dinja tax-xogħol u fl-aħħar tal-Konverenza, il-parteċipanti addottaw din il-Konvenzjoni.

Qabel il-Konferenza tal-ILO, id-Direttur Ġenerali u uffiċjal ieħor mid-Dipartiment attendew laqgħat tal-esperti mill-Istati Membri tal-UE maħsuba biex issir il-preparazzjoni meħtieġa għall-Konferenza

tal-ILO sabiex ikunu diskussi l-pożizzjonijiet komuni tal-Istati Membri f'l-oqsma li kienu ser jiġu diskussi fil-Konferenza.

**Il-Bord ta' Amministrazzjoni tal-Fond ta' Garanzija**

L-Att dwar L-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali (Kap. 452) u r-Regolamenti Dwar Fond ta' Garanzija (L.S 452.84 ) jipprovdi għat-twaqqif tal-Bord ta' Amministrazzjoni tal-Fond ta' Garanzija. Dan il-Bord hu kompost mid-Direttur tar-Relazzjonijiet Industrijali u tal-Impjieg li jservi bħala Chairperson, erba' rappreżentanti tal-impjegati u erba' rappreżentanti ta' min iħaddem li jkunu maħtura fuq il-Bord Dwar ir-Relazzjonijiet dwar l-Impjiegi, membru maħtur mill-Ministeru għall-Finanzi, iċ-Chairperson tal-Jobsplus u persuna maħtura mill-Ministru li tkun fil-professjoni legali. Il-Fond ta' Garanzija jinkludi fondi li għandhom jintużaw fid-diskrezzjoni tal-Bord ta' Amministrazzjoni biex jiggarantixxu l-ħlas ta' klejms validi ta' pagi mhux imħallsa ta' impjegati meta l-Bord ta' Amministrazzjoni jkun sodisfatt li l-employer sar insolventi. Matul 2019, il-Bord ta' Amministrazzjoni tal-Fond ta' Garanzija ltaqa' darba fejn ġiet ipproċessata talba waħda u tħallsu €2,184.13 mill-Fond.

**Attivitajiet Soċjali fi ħdan id-Dipartiment**

Matul is-sena 2019, id-Dipartiment organizza diversi attivitajiet ta' natura soċjali fosthom attivitajiet ta' team building u attivitajiet bi skop filantropiku, b'inizjattiva tal-istaff.